**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Jannar 2022**

**Rikors Ġuramentat numru:- 121/2012 BS**

**John Xuereb u martu Frances Xuereb f'isimhom proprju kif ukoll bħala kuraturi ad litem ta' binhom minuri Anthony John Xuereb. U b'nota datata 18 ta' Ġunju 2021, Anthony John Xuereb assuma l-atti tal-kawża in kwantu jirrigwarda l-interess tiegħu stante li illum huwa maġġorenni.**

**vs**

**John Hili u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2015 il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Bureau ġie awtorizzati jintervjenu in statu et terminis**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat fejn l-atturi ppremettew:**

1. ILLI r-rikorrenti huma l-ġenituri ta' Anthony John Xuereb li twieled fl-ewwel ta' Ġunju tas-sena elf disa mija u tmienja u disgħin (1.6.1998).

2. ILLI nhar id-19 ta' Frar 2011 fil-kantuniera ta' bejn Triq Mġarr ix-Xini u Santa Marija seħħ l-inċident bejn ir-rota li kien qiegħed isuq Anthony John Xuereb u vettura tat-tip Rover bin-numru tar-reġistrazzjoni AAB 464 li dak il-ħin kien qegħdha tiġi misjuqa mill-konvenut John Hili;

3. ILLI in konsegwenza ta' dan l-inċident il-minuri Anthony John Xuereb sofra leżjonijiet permanenti serjissimi li ħallewh b'debilita' u diżabilita' permanenti kif ser jirriżulta wkoll matul it-trattazzjoni tal-kawża;

4. ILLI dana l-inċident ġara minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-sewqan da parti ta' l-istess konvenut;

5. ILLI in konsegwenza ta' dan l-inċident u sabiex jikkuraw lill-binhom Anthony John Xuereb, l-atturi proprio John u Frances konjugi Xuereb soffrew diversi danni u telf ta' qligħ kif ser jirriżulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

**Talbu li din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara lil John Hili bħala responsabbli għall-inċident imsemmi;

2. Tiddikjara li Anthony John Xuereb sofra debilita' permanenti u dan prevja il-ħatra ta' esperti u periti mediżi biex jistabilixxu l-persentaġġ ta' debilita' permanenti ta' l-imsemmi Anthony John Xuereb.

3. Tillikwida l-ammont tad-danni kollha inġenti u konsegwenzjali sofferti minn Anthony John Xuereb bħala damnum emergens u kif ukoll tillikwida l-ammont dovut bħala lucrum cessans ta' l-istess Anthony John Xuereb u kif ukoll ta' l-atturi John u Frances konjugi Xuereb u kull dannu ieħor relatat u konsegwenzjali għal dan l-inċident;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont hekk likwidat

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra bonarja u l-ittra uffiċjali numru 829/2011 u bil-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut illi eċċepixxa:**

1. Illi fl-ewwel lok hemm in-nullita' tar-rikors promutorju stante li l-ġenituri qatt ma jistgħu jidhru "bħala kuraturi ad litem ta' binhom minuri". Dawn għandhom il-*patria potest*as fuq il-minuri u ghaldaqsant kellhom jidhru għan-nom u bħala leġittimi rappresentanti ta' binhom minuri u mhux bħala kuraturi *ad litem.* L-institut tal-kurazija ma jiċċentra l-ebda mod f'każ ta' minuri;

2. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-inċident *de quo* ġara unikament tort u ħtija tal-istess minuri, li l-esponenti kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Rover bin-numru tar-reġistrazzjoni AAB 464 fi Triq Santa Marija, Xewkija, Għawdex li hija triq prinċipali b'mod diliġenti u bil-kemm jimxi meta ħabta u sabta minn ġo sqaq ħareġ il-minuri isuq rota għal ġot-triq prinċipali mingħajr preavviż ta' xejn bi flixkun tan-Nestea f'idu waħda u l-ħobż f'idejh l-oħra. Illi l-esponenti prova jieħu azzjoni evażiva billi ġibed għan-nofs u żamm il-brake iżda l-minuri baqa dieħel bir-rota għal ġol-vettura (AAB 464) u ġie fuq il-w*ind screen* tal-istess vettura;

Salvi risposti oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2013 il-Qorti kif dak inhar preseduta laqgħet it-talba tal-atturi u awtorizzathom jesebixxu kopja ta' l-atti tal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Frank Tabone) vs John Hili**.

Rat illi b'digriet tas-16 ta' Diċembru 2014 il-Qorti kif dak inhar preseduta nnominat lin-newrologu Dr Malcolm Vella, lill-ispeċjalista tal-*ENT* Mr Mario Said, lill-oftalmologu Dr Dennis Mallia u lill-psikjatra Dr Dennis Baldacchino sabiex skont ma' kien dekretat fil-verbal tal-20 ta' Novembru 2014, kull wieħed mill-esperti nominati jagħti l-persentaġġ ta' diżabilita' mil-lat ta' speċjalizazzjoni tiegħu. In oltre, l-Qorti dderiġiet lill-esperti nominati sabiex wara li kull wieħed minnhom jagħmel ir-rapport individwali tiegħu u jkun ġie notifikat lill-partijiet li ma jkunux ikkontestaw l-istess, flimkien joħorġu *weighted average* tal-persentaġġ ta' diżabilita' sofferta minn Anthony John Xuereb.

Rat illi b'digriet tat-12 ta' Marzu 2015 il-Qorti kif dak inhar preseduta, wara li ħadet konjizzjoni tar-rikors ippreżentat minn Dr Malcolm Vella u

l-ittra ppreżentata minn Dr Dennis Mallia fejn talbu li jiġu eżonerati mill-inkarigu mogħti lilhom, ikkonfermat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru 2014 in kwantu jikkonċerna n-nomina tal-ispeċjalista tal-*ENT* Mr Mario Said u l-psikjatra Dr Dennis Baldacchino waqt illi ssostitwiet lil Dr Malcolm Vella bin-newrologu Dr Norbert Vella u lil Dr Dennis Mallia bl-oftalmoloġista Dr Thomas Fenech.

Rat illi b'digriet tas-17 ta' Marzu 2015 il-Qorti kif dak inhar preseduta laqgħet it-talba tal-atturi u ssostitwiet lil Dr Norbert Vella b'Dr Maria Mallia sabiex tirrelata flimkien mal-esperti l-oħra nominati.
Rat id-digriet tat-23 ta' April 2015 li bih din il-Qorti kif dak inhar preseduta, wara li ġiet infurmata li n-newrologu Dr Maria Mallia ma setgħetx taċċetta l-inkarigu u għalhekk talbet li tiġi sostitwita, ordnat lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota indikattiva ta' ismijiet ta' newrologi stante li l-persuni kollha nominati ma setgħux jaċċetaw l-inkarigu mogħti lilhom.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2015 il-partijiet irreġistraw qbil illi jinħatar Mr Anthony Zrino bħala espert tan-newroloġija. Il-Qorti għalhekk laqgħet it-talba u nnominat lil Mr Anthony Zrinzo flimkien ma' Dr Thomas Fenech, Mr Mario Said u Dr Joseph Baldacchino sabiex jeżaminaw lil Anthony John Xuereb.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2015 l-atturi ddikjaraw illi t-talbiet tagħhom kif ifformulati jinkludu wkoll telf ta' qliegħ li sofra l-attur John Xuereb in vista tal-fatt li tilef is-sahra, il-*part time*, kif ukoll ma baqax jaħdem bis-sistema tar-*roster*. Għar-rigward l-attriċi Frances Xuereb id-danni jikkonċernaw id-dipressjoni li hija sofriet u għadha ssofri minnha per konsegwenza ta' l-imsemmi inċident kif ukoll l-ispejjeż ta' mediċinali li hija kellha tixtri per konsegwenza tal-kundizzjoni li żviluppat riżultat tal-inċident.

Rat ukoll illi b'rikors datat 14 ta' Settembru 2015 il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens (stabbilit ai termini ta' l-Artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni – Kap 403 tal-Liġijiet ta' Malta, talab li jintervjeni fil-kawża odjerna *in statu et terminis*.

Rat illi b'digriet tat-30 ta' Settembru 2015 il-Qorti kif dak inhar preseduta, laqgħet it-talba tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens kif dedotta fir-rikors tal-14 ta' Settembru 2015.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2015 il-partijiet qablu li tiġi nominata Dr Maria Debono Agius bħala oftalmologu in sostituzzjoni ta' Dr Thomas Fenech u li l-ENT Surgeon Alexander Lapira jiġi nominat in sostituzzjoni ta' Dr Mario Said.

Rat illi b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2015 il-Qorti kif dakinhar preseduta, ċaħdet it-talba tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens kif ifformolata fir-rikors tiegħu tal-5 ta' Otturbu 2015 fejn l-imsemmi Fond talab l-awtorizazzjoni sabiex jippreżenta risposta ġuramentata għat-talbiet attriċi.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2015 il-Qorti kif dakinhar preseduta awtorizzat lill-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens sabiex jappella mid-digriet tagħha tat-28 ta' Ottubru 2015.

Rat illi b'digriet tad-29 ta' Jannar 2016 il-Qorti kif dakinhar preseduta laqgħet it-talba tal-atturi u nnominat lil Dr Charles Borg in sostituzzjoni ta' Dr Alexander Lapira.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2016 il-partijiet irreġistraw qbil illi l-atti kollha tal-kawża kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Hili** deċiża fl-24 ta' Frar 2016 għandhom jikkostitwixxu prova f'dawn l-atti b'dan illi l-atturi ddikjaraw illi dik is-sentenza m'għandiex tagħmel stat fil-konfront tagħhom.

Rat illi b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **John Xuereb et pro et noe vs John Hili** il-Qorti tal-Appell ħassret id-digriet tat-28 ta' Ottubru 2015 u rrimandat lura l-atti sabiex din il-Qorti tipprovdi dwar it-talba tal-intervenut fil-kawża.

Rat illi fis-seduta tas-19 ta' Ottubru 2016 il-Qorti kif dakinhar preseduta awtorizzat lill-esperti kollha nominati sabiex ikollhom aċċess għall-faxxikolu mediku ta' Anthony John Xuereb inkluż ukoll *CT scan* u *audiogram*, u nnominat lil Mr Anthony Fenech sabiex flimkien ma' Mr Charles Borg jirrelataw dwar il-persentaġġ fin-nuqqas ta' smiegħ jekk jirriżulta li dan huwa l-każ.

Rat ukoll illi fil-kors tal-istess udjenza u in vista tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Settembru 2016, il-Qorti kif dakinhar preseduta

imponiet terminu ta' għoxrin ġurnata mid-data tal-istess seduta, sabiex l-intervenut fil-kawża jinforma lill-Qorti dwar x'eċċezzjonijiet jixtieq iressaq u r-raġunijiet għaliex dawn għandhom jiġu awtorizzati.

Rat illi b'nota tat-2 ta' Novembru 2016 l-intervenut fil-kawża ddikjara illi mhux ser iressaq eċċezzjonijiet ulterjuri għar-raġuni li ma kienx għad għandu interess fil-kawża.

Rat l-att ta' tranzazzjoni ffirmat bejn l-atturi u l-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens fejn l-atturi rċevew kumpens fis-somma ta' €45,000 bħala riżarċiment għad-danni minnhom imġarrba konsegwenza tal-inċident stradali tas-19 ta' Frar 2011 li fih kien involut Anthony John Xuereb.

Rat ir-relazzjoni teknika ossia *audiological report*, ppreżentata minn Dr Anthony Fenech.

Rat ir-relazzjoni ppreżentata mill-espert oftalmologu Dr Maria de Bono Agius.

Rat ir-relazzjoni teknika redatta mill-espert minnha nominat il-psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino.

Rat ukoll ir-relazzjoni teknika redatta min-newrologu minnha nominat Dr Anthony Zrinzo.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2018 il-Qorti kif dakinhar preseduta nnominat lill-Assistent Ġudizzjarju Dr Anna Mifsud Bonnici sabiex tiffissa seduti għall-eskussjoni tal-esperti mediċi.

Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2018 il-Qorti kif dakinhar preseduta żammet aċċess fuq il-post u ħadet konjizzjoni tat-toroq fejn seħħ l-inċident.

Rat illi fil-15 ta' Novembru 2019 din il-Qorti ssospendiet l-inkarigu tal-Assistent Ġudizzjarju.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum bil-fakolta' illi l-partijiet jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat illi b'nota tat-18 ta' Ġunju 2021 Anthony John Xuereb assuma l-atti tal-kawża in kwantu jirrigwarda l-interess tiegħu stante li llum huwa maġġorenni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat illi l-Qorti kif presjeduta żammett aċċess fuq il-post nhar il-19 ta' Novembru 2021 u semgħet is-sottomissjoniet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**L-Indole tal-Azzjoni**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qegħdin jitolbu kumpens għad-danni mġarrba minnhom konsegwenza tal-inċident stradali li seħħ fid-19 ta' Frar 2011 u li fih kien involut u ferut gravament Anthony John Xuereb.

L-azzjoni attriċi hija impernjata fuq danni akwiljani riżultanti mill-prinċipju kardinali tan-*neminem laedere* magħdud dan mal-kunċett tan-negliġenza kif ravvizat taħt l-Artikolu 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili.

It-talba tal-atturi tinkludi fiha sia kumpens għal danni emerġenti kif ukoll għal telf ta' dħul finanzjarju.

Il-konvenut laqa' billi in linea preliminari eċċepixxa n-nullita' tar-rikors promotur stante illi l-atturi John u Frances konjuġi Xuereb dehru f'dawn il-proċeduri bħala kuraturi *ad litem* ta' binhom li fiż-żmien kien għadu minorenni. Jgħid għalhekk il-konvenut illi ġialadarba l-atturi huma vestiti bil-*patria potestas* allura kellhom jidhru għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom minuri.

Fil-mertu, il-konvenut eċċepixxa illi l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ unikament tort tal-minuri li sbokka ħabta u sabta minn sqaq isuq rota waqt illi f'id kien qiegħed iżomm ħobża u fl-oħra kien qiegħed iżomm flixkun *ice-tea*.

Konsegwenza tal-impatt Anthony John Xuereb tar minn fuq ir-rota ħabat rasu ma l-*windscreen* tal-vettura misjuqa mill-konvenut u waqa' fl-art.

**L-Eċċezzjoni Preliminari**

In linea preliminari l-konvenut eċċepixxa n-nullita' tar-rikors promotur għar-raġuni li l-atturi konjuġi Xuereb ma setgħux jidhru qua kuraturi ta' binhom iżda in rappreżentaza tiegħu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jgħidu illi din l-eċċezzjoni ġiet sorvolota meta Anthony John Xuereb, illum maġġorenni, assuma l-atti tal-kawża in kwantu l-interess personali tiegħu.

Fin-nota ta' sotomissjonijiet tiegħu il-konvenut osserva ġustament illi Anthony John Xuereb assuma l-atti meta kien diġa kellu 23 sena u mhux minnufih malli sar maġġorenni.

L-istitut tal-kurazija fil-każ ta' persuni minorenni huwa riżervat għal xenarju fejn il-ġenituri jirriżultaw nieqsa, assenti jew ikunu tilfu s-setgħa ta' ġenituri. L-ebda wieħed minn dawn it-tlett xenarji ma jidher illi japplika għall-każ ta' llum il-għaliex għalkemm fil-mument li fih inbdew il-proċeduri Anthony John Xuereb kien minorenni, huwa jidher illi kien taħt is-setgħa tal-ġenituri tiegħu. Għandu raġun għalhekk il-konvenut jgħid illi r-rikors promotur kellu jiġi ntavolat minn John u Frances konjuġi Xuereb f'isimhom propju u għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom minuri Anthony John Xuereb. Ma kienux korretti l-atturi meta dehru f'dawn il-proċeduri qua kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri anki għaliex semmai kellhom jinħatru xi kuraturi dan kellu jsir biss fuq ordni tal-Qorti wara li titressaq talba f'dan is-sens. Dan ma jirriżultax illi sar.

Il-konvenut jeċċepixxi għalhekk illi dan id-difett għandu jwassal għan-nullita' tar-rikors promotur. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan.

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Theresa Chetcuti et vs Maria Carmela sive Lina Warrington et**, deċiża fil-25 ta' Frar 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għamlet is-segwenti osservazzjonijiet li huma ta' interess u japplikaw *mutatis mutandis* għall-każ ta' llum. Ingħad is-segwenti:

*Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta` nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` o meno. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-Kodici ta` Organizzazjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tas-sena 1995 kienu*

*intizi, inter alia, proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta` eccezzjonijiet. Tali eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 789 tal-Kap 12 u l-Qorti tifhem li r-rikorrenti qed jinvoka l-Artikolu 789(1) (c).*

*Fil-fatt l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista` jigi dikjarat null.*

*(1) L-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata jekk :*
*(a) jekk in-nullita` hija dikjarata mil-ligi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti ;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta` nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titolb in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort` ohra hlief billi l-att jigi annullat ;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.*

*Izda dik l-eccezzjoni ta` nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta` dan is-subartikolu ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*Tifsira tajba ta` din id-disposizzjoni, flimkien ma` l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f`sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino</u>**;" (28.1.1998 – Kollez. Vol:LXXXII.ii.30)*

*L-eccezzjoni ta` nullita` ta` att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`.*

*Illi l-erba` (4) cirkostanzi msemmija f`dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa` taht il-parametri ta` xi wahda minnhom.*

*Ir-rikorrenti ssottomettew li qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom fil-parametri tas-subinciz (d) citat hawn fuq u ghalhekk japplika l-proviso ghall-artikolu 789(1).*

*Illi bil-proviso citat il-legislatur jaghmel referenza ghall-artikolu 175 tal-Kap 12.*

*L-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 jaqra hekk:*
*"Il-Qorti tista`, f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta` wahda mill-partijiet, wara li tisma` meta jehtieg il-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta` wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza."*

*Hu pacifiku li din id-dispozizzjoni tal-ligi (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza "**Moore noe vs Falzon et"** P.A. 15 ta` Dicembru 1995) kien deciz li –`ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b`mod li l-kawzali tista` tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista` tkun anki dedotta mid-domanda (Kollezz. XXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228)". Ara wkoll **Mario Mizzi noe et vs Mario Grech noe et** PA – 3 ta` Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.*

*Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**Bonnici vs Zammit noe**" deciza fl-20 ta` Jannar 1986 fejn it-tifsira ta` l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk-*

*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta` l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta` l-Artikolu 155(1) (illum 156(1) talKap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi mwaqqfa irid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b`mod li l-konvneut ikun jista` jigi ppregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata."*

Huwa ben risaput illi l-azzjoni hija miġbura fil-premessi li jwasslu għat-talbiet. Mhux biss, iżda sabiex ikun sodisfatt ir-rekwiżit tal-Artikolu 156 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, jenħtieġ ukoll illi jirriżulta ness ġuridiku bejn it-talbiet u l-premessi u li mill-mod ta' kif ikun redatt ir-rikors promotur l-azzjoni tkun identifikabbli fil-liġi b'mod ċar u inekwivoku. Huwa proprju għalhekk illi l-Artikolu 156 jimponi fuq l-attur l-obbligu illi jindika u jfisser b'mod ċar kemm l-oġġett tal-kawża kif ukoll ir-raġuni għat-talba tiegħu.

Il-Qrati tagħna sostnew li l-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandu jiġi redatt ir-rikors ġuramentat. Biżżejjed li jkun jiftiehem x`ikun qiegħed jitlob l-attur, b`mod li l-kawżali tista` tkun espressa lakonikament, u jekk ma tkunx ċara daqstant, ikun biżżejjed jekk tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva, stante li għandha tiġi kunsidrata bħala ħaġa waħda mal-att promotur, u għandha konsegwentement tgħin biex tiċċara l-kawżali[1].

Il-prassi li addottaw il-Qrati tagħna, anki in segwitu għall-emendi għall-Kap 12 permezz tal-Att XXIV tal-1995, hija li l-formaliżmu żejjed għandu kemm jista' jkun jiġi evitat u fejn possibbli l-atti għandhom jiġu salvati. Il-Qrati tagħna huma konkordi li n-nullita' ta' att ġudizzjarju hija sanzjoni estrema li għandha tiġi applikata limitatament u f'każ biss fejn in-nuqqas fl-att ma jkunx tollerabbli għaliex tali nuqqas jilledi xi prinċipju ta' ġustizzja naturali. Dan ifisser li n-nullita' għandha tiġi dikjarata biss f'dawn il-każijiet fejn tirriżulta xi raġuni gravi.

Fil-każ ta' llum il-Qorti tosserva illi fl-ebda waqt tal-proċeduri ma tressaq mill-konvenut xi lment li ġarrab xi preġudizzju gravi. Għall-kuntrarju, minn qari tar-risposta ġuramentata, tal-provi mressqa mill-konvenut, tal-kontro-eżamijet kollha kondotti mill-abbli difensuri tal-konvenut, kif ukoll mis-sottomissjonijiet finali li ressaq il-konvenut, jidher biċ-ċar illi l-konvenut fehem sewwa x'inhija n-natura tal-azzjoni u għaraf jilqgħa għaliha.

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni kif dedotta.

---

[1] ara: "**Moore noe vs Fiteni**" – Prim`Awla tal-Qorti Ċivili – 15 ta` Diċembru 1955, Vol. XLIII.II.748; XXX.I.228; "**Frendo noe vs Attard**" – Prim`Awla tal-Qorti Ċivili – 19 ta` Ġunju 1989 ; LXXIV.II.406.

**<u>Il-Proċess Kriminali</u>**

**<u>Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs John Hili</u>**
**(Kawża Nru. 80/2011 NC – deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Frar 2016**

In segwitu għall-inċident stradali mertu ta' dawn il-proċeduri infetħet inkjesta maġisterjali fil-kors ta' liema l-Qorti nnominat diversi esperti sabiex jassistuha. Mill-indaġni tagħha l-Pulizija waslet għall-konklużjoni li kellha provi suffiċjenti sabiex tressaq lil John Hili mixli fost l-oħrajn illi *b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, waqt li kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Rover, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tal-minuri Anthony John Xuereb (ID No. 19298G).*

John Hili ġie akkużat fost l-oħrajn illi saq bi traskuraġni u b'mod perikoluż il-vettura tal-għamla Rover mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni għar-riskji ta' terzi.

Il-partijiet fil-proċediment ċivili rreġistraw qbil illi l-provi miksuba u miġbura fil-kors tal-proċeduri kriminali għandhom jagħmlu prova f'dawn il-proċeduri ta' indole ċivili.

Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014 fl-atti tal-kumpilazzjoni, l-Espert Tekniku s-**<u>Sur Joseph Zammit</u>** (*a fol. 120*) ikkonferma r-relazzjoni li kien ħejja in segwitu għan-nomina tiegħu bħala espert fl-Inkjesta Maġisterjali (*a fol.* 39 *et seq.* tal-proċess kriminali). F'din ir-relazzjoni s-**<u>Sur Joseph Zammit</u>** għamel diversi kostatazzjonijiet li għall-aħjar intendiment u sabiex tiġi stabbilita sewwa sew id-dinamika tal-inċident in kwistjoni, sejrin jiġu riprodotti kif ġej:

*Mill-aċċess u mill-provi hemm miġbura jirriżulta li għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs inhar tad-19 ta' Frar, 2011 fi Triq Santa Marija Xewkija Għawdex seħħ inċident bejn bicycle u karozza tal-marka Rover ta' mudel 204St bin-numru ta' reġistrazzjoni AAB-464 ta' kulur aħdar. Dan l- inċident seħħ eżatt fl-inkroċju bejn triq Santa Marija u triq Imġarr ix-Xini, Xewkija. Max-xewka tal-kantuniera tal-fond bin-numru 7, jinsab tixlif frisk, taħt il-bankina ta' quddiem it-tixlief imsemmi tinsab it-rota (bicycle) involuta, segwi ritratt immarkat (Dok JZ 1).*

*'L quddiem fuq il-bankina, minn fejn tinsab ir-rota maqluba, fuq l-istess bankina u fuq it-triq fuq ix-xellug, jinsab tiżliġ ta' kulur aħmar, bħal demm sa distanza ta' madwar 14.7 metri. Fejn jispiċċa dan it-tiċpis fuq il-bankina tinsab għadira ta' kulur aħmar bħal demm. (Segwi ritratt DOK J Z1).*
*Fin-nofs tal-karreġġata fuq l-istess dokument JZ1 tidher il-vettura involuta, li hija dik tal-marka Rover mudel 204 St, petrol engine, bin-numru ta' reġistrazzjoni AAB-464. Din tinsab bil-quddiem iħares 'l barra, angulata minn nofs tal-karreġġata lejn il-lemin tal-karreġġata, ma' vettura oħra, dik pick up van li jinsab ipparkjat fuq in-naħa l-oħra tat-triq.*

*Din ir-Rover tinsab bi ħsara ta' natura konsiderevoli fuq quddiem lejn in-naha tax-xellug. II-bumper corner jinsab maħbut u spustjat, il-mudguard jinsab ukoll maħbut, mgħattan kompatibli mad-daqqa tal-bumper. Bl-istess daqqa l-cover tal-ventilation tal-parti ta' isfel tal-bumper jinsab ukoll spustjat u jinsab madwar żewġ metri 'l fuq tax-xellug tal-karozza. Fuq il-parti ta' quddiem minn tulu jinsabu mmarkati fuq l-għatu tal-magna (bonnet lid) bi tkaxkir u brix li jasal sa taħt il-front windscreen. L-istess windscreen fuq in-naħa tax-xellug tinsab mkissra, mifqugħa 'l ġewwa u mwaħħal ġot-tkissir jinsab xahar ta' kulur iswed. Frak ukoll minn tal-windscreen jinsab imxerred fuq ġewwa tal-vettura fuq il-front passenger seat. Mir-roti ta' quddiem, lura sa distanza ta' 10.95 metru, jinsabu mpronti immarkati grassi fuq wiċċ it-triq ta' brake marks li ħalliet l-istess karozza, liema impronti jibdew fil-parti ta' isfel, aktar lejn in-naħa tax-xellug, minn quddiem l-bidu tal-inkroċju ta' triq Imġarr ix-Xini. Taħt il-karozza lejn in-naħa tal-lemin kien jinsab flixkun tal-plastik mimli xorb minerali.*

*Fuq il-bankina, biswiet ir-rota maqluba u t-tkaxkir tad-demm kien jinsab tixrid ta' biċċiet tal-ħobż tal-malti.*

*Ir-rota (bicycle) hija ta' kulur silver chrome, tal-marka ST 3 BMX. Din kienet tinsab bi ħsara estensiva l-aktar fuq il-ġenb tal-lemin tagħha, konsistenti f' daqqa soda fuq il-frame, fuq il-parti ta' isfel, kif ukoll fuq il-foot rest in-naħa ta' wara fuq il-lemin. Din kienet tinsab bir-rota ta' quddiem tagħha spustjata minn mal-furketta. Il-foot rest ta' wara kienet tinsab mgħawġa u mċappsa bit-trab tal-ġebel komparabbli mat-tkissir tax-xewka tal-faċċata li taħtha tinsab (segwi Dok JZ 2 u Dok JZ 3 u JZ 4).*

*Ir-rota ta' quddiem instabet fi triq Imgarr ix-Xini fuq in-naha tax-xellug taht il-bankina, distanza ' l boghod mil-frame madwar mitt (100) metru. Segwi ritratt (Dok J Z 5).*

*F'dan l-inċident korra gravi tifel ta' 13-il sena, Anthony John Xuereb, is-sewwiq tal-bicycle involuta, li skond ma jirriżulta huwa kien qiegħed isuq din ir-rota fi triq Imġarr ix-Xini ħiereġ għal triq Santa Marija tidħol go fiha, u fil-parti ta' fuq tagħha jinsabu tabelli li jimmarkaw dan.*

*Fuq il-post tal-inċident ma ġie nnotat l-ebda crash helmet li seta' s-sewwiq tar-rota kien liebes. Lanqas ma nstabu mpronti ta' xi brake marks tar-rota (bicycle) għalkemm mill-eżamijiet tekniċi li l-esponent għamel fuq is-sistema ta' block brakes tal-istess bicycle dawn instabu li jiffunzjonaw tajjeb, l-aktar dawk ta' wara, kif ukoll il-mekkaniżmu ta' quddiem ukoll instab jiffunzjona tajjeb.*

*L-esponent għamel ukoll eżamijiet tekniċi fuq il-karozza nvoluta, dan anke billi saqha fit-triq qabel ma ġiet elevata mill-Pulizija, l-aktar dwar dak li skond l-ispettur investigatur kien indika li l-istess vettura kienet tinsab b'diskrepanza ta' tbagħbis dwar ir-reġistrazzjoni tagħha.*

*Mill-eżamijiet tekniċi li l-esponent għamel fuq din il-vettura, sab li kollox kien jiffunzjona sewwa, l-aktar dawk li huma brakes, u dan ukoll jirriżulta sodisfaċentement mill-impronti li nstabu fuq il-post tal-inċident, fejn ħalliet brake marks meta ġew applikati sabiex jiġi evitat l-inċident. (segwi ritratt Dok JZI).*

*Illi għaldaqstant ma nstabu l-ebda provi li dan l-incident ġie kkaġunat minħabba xi ħsara li setgħet ġarbet il-karozza qabel ma ssuċċieda l-inċident li seta' ikkaġuna in segwitu l-inċident.*

*Fil-fehma tal-esponent, dan l-inċident seħħ minħabba li ċ-ċiklista Anthony John Xuereb ta' 13 il-sena, waqt li kien qiegħed isuq l-imsemmija rota fi triq Imgarr ix-Xini baqa' ħiereġ fi triq Santa Marija fejn dak il-ħin kienet qed tinstaq il-karozza in kwistjoni. Fi triq Santa Marija aktar lejn ix-xellug, eżatt quddiem l-inkroċju ma' triq Imgarr ix-Xini, il-karozza laqtet lill-imsemmija rota fuq il-ġenb tal-lemin, bis-sewwieq tagħha jaqa' fuq il-bonnet u jaħbat rasu mal-windscreen u b'hekk ġarrab ġrieħi gravi.*

L-espert tekniku ddikjara fir-relazzjoni tiegħu illi hu ma semax xhieda u li dawn kienu ser jinstemgħu mill-Maġistrat Inkwirenti.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-**Perit Gordon Vella** redatta in segwitu għan-nomina tiegħu fl-Inkjesta Maġisterjali, liema relazzjoni tikkonsisti fi pjanta tal-akkwati tal-inċident u tat-triq fejn seħħ l-inċident.

Rat ukoll iċ-ċertifikat mediku ffirmat mit-**Tabib Dr Joseph Vella** li wara li eżamina lil Xuereb iċċertifika illi dan ġarrab ġrieħi ta' natura gravi tant illi kien fil-periklu tal-mewt.

Rat ukoll ir-relazzjoni tat-Tabib Dr Mario Scerri li ġie maħtur mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja b'digriet tal-4 ta' Lulju 2012 sabiex jevalwa l-istat ta' saħħa u l-kundizzjoni fiżika ta' Anthony John Xuereb ('**Dok. MS 1**' *a fol.* 185 *et seq*. tal-proċess kriminali). L-espert tal-Qorti t-Tabib Dr Scerri eżamina lil Xuereb fl-20 ta' Ġunju 2012 u kkonkluda is-segwenti:

*"3. Illi Anthony John Xuereb iddahhal immedjatament l-iSptar Generali t'Ghawdex izda ftit wara dan gie trasferit l-iSptar Mater Dei permezz ta' helicopter.*

*4. Illi dan kellu jigi operat immedjatament fejn saritlu decompressive craniotomy minhabba l-lezjonijiet akuti li kellu filmohh.*

*5. Illi Xuereb garrab ukoll frattura tat-tarf t'isfel tal-fibula tal-lemin.*

*6. Illi l-ptosis deskritta fuq in-naha tal-lemin flimkien mat-III u IV cranial nerve palsy tan-naha tal-lemin u t-III cranial nerve palsy tan-naha tax-xellug huma rizultati diretti tat-trawma li Xuereb kien suggett ghaliha waqt l-incident imsemmi.*

*7. Illi rizultat ta' dan l-incident Anthony John Xuereb ghadu jbati l-effetti sal-lum u qatt ma jerga' jigi jghix hajja normali bhalma kien jghix qabel l-incident imsemmi.*

*8. Illi Anthony John Xuereb ghandu bzonn ghajuna kontinwa, ma jistax ikun indipendenti u ghandu bzonn korsijiet twal ta' physiotherapy u speech therapy bil-ghan illi l-kondizzjoni tieghu timmeljora xi daqxejn" (a fol. 200-201).*

L-inkarigu ta' Dr. Scerri ġie estiż sabiex jikkalkola persentaġġ ta' diżabilita' permanenti mġarrba minn Anthony John Xuereb riżultat tal-inċident de quo. In eżekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu Dr Scerri reġa eżamina lil Xuereb fit-3 ta' April 2013 u fir-relazzjoni tiegħu ('Dok. JPG 2' *a fol. 155 et seq. tal-proċess 121/12 BS*) kkonkluda s-segwenti:

1. *Illi Anthony John Xuereb kien tifel b' sahhtu u ntelligenti u jattendi skola normali qabel l- incident imsemmi;*

2. *Illi rizultat ta' dan l- incident dan kellu jigi operat ghal traumatic brain injury;*

3. *Illi dan halla sequelae fuqu u debulizza permanenti;*

4. *Illi dan it-tifel ma jistax jghix hajja normali, ndipendenti, ghandu bzonn ghajnuna kontinwa biex iqum minn bil-qeghda, biex jiekol, biex jixrob, biex jaghmel in-necessitajiet tieghu ta' kuljum, biex jitwaqqaf, biex jimxi u anke biex jitqalleb fis-sodda;*

5. *Illi Anthony John Xuereb ghandu bzonn il- kura u l-ghajnuna kontinwa ghall-kumplament ta' hajtu;*

6. *Illi dan mhux kapaci jixtri n-necessitajiet tieghu ta' kuljum, isajjar l-ikel tieghu u jiekol minghajr ghajnuna;*

7. *Illi dan l- ghajnuna qieghed isibha fil-genituri tieghu izda ghada pitghada dan ikollu bzonn t'ghajnuna barranija;*

8. *Illi l-genituri tieghu ghadhom relattivament zghar izda iktar ma jghaddi zmien* ***Anthony John Xuereb*** *aktar jitqal u s-sahha tal-genituri tieghu maz-zmien tonqos u ghalhekk dan ta' bilfors ma jistax jibqa jiehu l-ghajnuna kompletament mill-genituri tieghu u jasal zmien meta ma jkunx possibbli ghal dawn li jibqghu jiehu hsiebu fizikament bhalma jistghu jiehdu hsiebu llum;*

9. *Ghalhekk in vista ta' dan meta wiehed jikkalkola ddizabbilita li* ***Xuereb*** *ghandu biex jesprimi ruhu verbalment li hija ta'* ***10%****, l-oculomotor nerve palsy fuq in-naha tal- lemin li hija ta'* ***15%****, il-paroxysmal vertigo bil-komplikazzjonijiet taghha msemmija ta'* ***4%****, id-dizabbilita muskoloskelitali fl-estremitajiet u fid-dahar illi jgib dizabbilita ta'* ***50%****, l-inkontinenza mhux ta' kuljum tal-awrina u l-ippurgar li ggib maghha dizabbilita ta'* ***3%****, minghajr ma l- esponent ha in konsiderazzjoni d-dizabbilita permanenti psikologika rizultat ta' dan l-avveniment trawmatiku liema persentagg ta' dizabilita ghandha tigi assessjata minn psikjatra, l-esponent huwa tal-opinjoni illi rizultat ta' dan l-incident* ***Anthony John Xuereb*** *garrab persentagg ta' dizabbilita ta'* ***82%****;*

10. *Illi l- esponent wasal ghal dan il-persentagg wara li kkonsulta l-emendi fil-ligi dwar danni civili u Guides to the Evaluation of Permanent Impairment VIth Edition Robert V. Rondinelli April 2009*

Fuq domandi tal-parte civile, Dr Scerri spjega illi:

*"ghandu hafna kumpilazzjonijiet u debulizzi. Biex nghaqqadhom, in a nutshell, dan bazikament ghandu weakness tal-estremitajiet superjuri u inferjuri, ghandu increased tone fuq in-naha tal-lemin – bil-kemm jista' jaqbad kikkra u jixrob minnha – fil-left ghandu non-purposeful movement – jekk se jcaqlaq idejh se ticcaqlaq, m'ghandux ko-ordinazzjoni jigifieri lanqas jista' jsajjar, la jista' jixrob. Ghandu weakness fil-muskoli palmar ta' saqajh, ghandu hyperextension ta' dahru, ma jistax iqum minn bil-qieghda – jrid l-ghajnuna bilfors – irid juza wheelchair, ma jistax jimxi. ...Affarijiet tieghu necessarji ta' kuljum ma jistax jaghmilhom wahdu u 'l quddiem affarijiet tal-irgiel ma jistax jaghmilhom lanqas. Irid assistenza kontinwa"* (*a fol.* 1434-1435 tal-proċess kriminali).

Żied jgħid illi Xuereb jinsab fi stat tali li sejjer jibqa' dipendenti għal għomru kollu. Xehed ukoll illi Xuereb kien qiegħed ibagħti minn ħass ħażinijiet, jitlef is-sens ta' funzjonament tal-għajn, kien jitkellem b'mod kajman igedwed u ma jinftiehemx. In oltre, Xuereb kien ukoll qiegħed juri sinjali ta' problemi psikoloġiċi.

Rat ukoll ix-xhieda kollha li nġabru fil-kors tal-proċess kriminali liema xhieda l-Qorti sejra tagħmel referenza għalihom aktar 'il quddiem.

Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Frank A. Tabone) vs John Hili**, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*Illi l-Qorti tibda billi tinnota li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u mhux fil-kamp civili. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

...

*Illi in segwitu tal-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet u qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza dawn l-imputazzjonijiet, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward rresponsabilita' tal-incident stradali per se.*

*Illi l-Qorti tinnota li fir-rigward tad-dinamika tal-incident stradali de quo hija ghandha l-verzjoni ta' Savio Buttigieg (habib tal-minuri Xuereb) u tal-imputat. Il-minuri Xuereb ma xehedx f'dawn il-proceduri. Jirrizulta li filwaqt li l-imputat*

*kien qed isuq vettura, Xuereb kien qed jaghmel uzu minn rota. Mentri l-imputat jghid li Xuereb baqa' hiereg mit-triq li hu (Xuereb) kien gej minnha, Buttigieg jghid li Xuereb kien wieqaf bir-rota. Il-Qorti zammet access informali fuq il-post fejn setghet tara d-direzzjoni li kien gej minnha l-minuri Xuereb u dik li kien gej minnha l-imputat. Jirrizulta li t-triq li kien gej minnha Xuereb tista' tigi kkunsidrata bhala laterali meta paragunata mat-triq li kien qed isuq fiha l-imputat.*

*Illi fid-decizjoni moghtija fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella**, qalet hekk:*

*"Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "main road user". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "side road user", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra iwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" – **Il-Pulizija vs. Anthony Galea**, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); **Joseph Rizzo vs. Paul Micallef**, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974; Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - **Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue**, Appell Civili, 2 ta' April 1976".*

*Illi, apparti dan, il-Qorti tinnota li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala proper look out. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**[2], il-Qorti ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[3] u sostniet:*

*"Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view" (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".*

---

[2] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004].

[3] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

*Illi fi* ***Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.*** *(1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:*

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

*Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tara x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan. Dan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Michael Grech*** *moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:*

*"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud*** *deciz fis6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

*U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Mario Gellel*** *deciz fid-19 ta' Frar 2004:*

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs. Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u*

*__Pul. vs. Alfred Vella__ [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. __Pul. vs. Hardingham__, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. __Pul. vs. Charles Farrugia__ [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. __Pul. vs. Joseph Aquilina__, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. __Pul. vs. Antonio Spiteri__ [Vol. XLIV iv. 892])".*

*Illi minkejja l-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Espert Tekniku s-Sur Joe Zammit fir-rapport tieghu fir-rigward ta' min skond hu kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni, il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha biex tasal ghad-decizjoni taghha dwar tali responsabilita'.*

*Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:*

- *Savio Buttigieg lill-Qorti qalilha li huwa setgha jara lill-minuri Xuereb wieqaf jistenna l-vettura tal-imputat tghaddi, b'hobza f'id wahda u b'ice tea f'ohra. Jispjega li peress li Xuereb kellu ftit mir-rim tar-rota 'l barra, il-vettura misjuqa mill-imputat habtet mat-tyre ta' quddiem tar-rota ta' Xuereb u gibditu maghha.*

- *John Hili quddiem il-Qorti xehed li waqt li hu kien qed isuq fit-triq principali, f'daqqa wahda minn triq laterali hareg Xuereb sparat bir-rota, hu (Hili) hasad il-brejk u gibed ghan-nofs biex jevitah pero kien kollu ta' xejn ghax spicca laqat lil Xuereb. Jghid li Xuereb hareg kontra d-direzzjoni tat-traffiku u f'id wahda kellu hobza u fuq in-naha l-ohra kellu flixkun .*

*Bhala parentezi, il-Qorti tinnota li lil PS 664 Jason Xerri, li rrediega r-rapport (Dok. "FT 7" – a fol. 136 et seq.) tal-incident de quo, l-imputat qallu: "Kont ghaddej ghad-dritt u qasamli tifel minn go side street bir-rota li kellu l-hobz u flixkun f'idu u lqattu bil-karrozza" (a fol. 137).*

- *Fl-access (a fol. 40 et seq. tal-Inkjesta u a fol. 54 et seq. tal-atti processwali) mizmum mill-Espert Tekniku s-Sur Joe Zammit, liema access inzamm ftit sieghat wara li kien sehh l-incident, gie kkonstat is-segwenti: "mir-roti t-tnejn ta' quddiem lura sa distanza ta' 10.95 metri jinsabu impronti ta' brake marks tal-erba' roti grassi. Dawn jibdew minn naha tax-xellug u jispiccaw lejn illemin tal-*

*karreggajta". Dan jinsab konfermat ukoll minn PS 664 Jason Xerri fir-rapport redatt minnu (Dok. "FT 7" – a fol. 136 et seq.).*

- *Il-hsarat fuq il-vettura misjuqa mill-imputat kienu ta' natura konsiderevoli fuq quddiem lejn in-naha tax-xellug.*
- *Xuereb spicca fuq il-bonnet tal-vettura tal-imputat u habat rasu mal-windscreen wara li habat mal-genb tal-istess vettura.*

- *Xuereb ma kienx liebes crash helmet.*

*Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti mhijiex konvinta mill-verzjoni moghtija minn Savio Buttigieg meta qal li Xuereb kien wieqaf fil-hin tal-akkadut. Kieku verament Xuereb kien wieqaf jistenna l-vettura tal-imputat tghaddi ma kienx jigri dak li sfortunatament gara. Ghal darba ohra l-Qorti tirrepeti li hawn ninsabu fil-kamp kriminali fejn biex l-imputat jinstab hati din il-htija trid tasal ghaliha beyond reasonable doubt. B'dak li ghandha quddiemha l-Qorti kif preseduta u b'dak li hija semghet, il-Qorti ma tistax tasal ghal dan. Ma jirrizultax li l-imputat kien qed isuq b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz. Anqas ma jirrizulta li l-imputat kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.*

*Illi jirrizulta l-incident stradali de quo sehh minhabba l-fatt li Xuereb baqa' hiereg mit-triq li kien fiha ghat-triq li kien gej minnha l-imputat. Kif nghad aktar il-fuq, it-triq li kien gej minnha Xuereb ghandha tigi kunsidrata bhala triq laterali meta paragunata mat-triq li kien qed isuq fiha l-imputat u, fid-dawl tal-gurisprudenza kkowtata aktar il-fuq, l-imputat kellu d-dritta u dana peress li kull min ikun ser johrog minn triq laterali ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex jassigura ruhu li ma jkunx ta' xkiel ghal vetturi misjuqa fit-triq principali.*

*Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali:* ***IlPulizija vs. Gaetano Schembri*** *(16.3.1961);* ***Il-Pulizija vs. John Polidano*** *(3.11.1963);* ***Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud*** *(XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-contributory negligence ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).*

*Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputat ta lok sabiex l-incident sehh u l-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-*

*ebda element ta' kontributorjeta' da parte tieghu u b'hekk l-imputat m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.*

*Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat wahda wahda.*

***L-Ewwel (1) Imputazzjoni***

***(Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:*

*Illi fl-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali ma jaghmilx riferenza ghal Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu jirrigwarda offiza nvolontarja fuq il-persuna. Dan huwa proprju dak li kien originarjament akkuzat bih l-imputat fl-ewwel (1) imputazzjoni fic-charge sheet intavolata kontra tieghu u dana minkejja li l-Prosekuzzjoni fil-parentezi wara l-ewwel (1) imputazzjoni ndikat "Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9".*

*Tenut kont tal-fatt li fid-digitura tal-ewwel (1) imputazzjoni fic-charge sheet jirrizulta li din kienet qed taghmel riferenza ghal Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet (li jirrigwarda offizi involontarji fuq il-persuna) u stante li dan l-Artikolu ma giex kwotat fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju mill-Avukat Generali, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat. Dan qieghed jinghad peress li l-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.*

Din is-sentenza ma ġietx appellata u għalaqstant tikkostitwixxi ġudikat.

**L-Effetti ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq proċeduri Ċivili**

Is-sentenza li ngħatat fil-konfront tal-konvenut in sede penali kienet tolqot l-istess fatti bħal dawk fil-proċess odjern. Ix-xhieda f'dik il-kawża reġgħu xehdu f'din il-kawża u għalhekk ma hemm xejn xi jżomm l-ammissibilita' tax-xhieda fil-proċeduri kriminali għall-fini ta' konfront tax-xhieda mogħtija f'dawn il-proċeduri ċivili. Dan jgħodd aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li l-konvenut ma ressaq ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward.

L-effetti ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq proċeduri Ċivili huwa punt illi ġie trattat diversi drabi mill-Qrati tagħna.

Fil-kawża **Briffa vs Abela**, deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-28 ta' Marzu, 2003 ingħad illi:

*"Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi, pero' hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **George Galea et vs Alfreda Bondin**[4] il-Qorti, b'referenza estensiva għall-ġurisprudenza li tittratta dan il-punt partikolari, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*Illi l-ewwel li għandu jiġi eżaminat minn din il-Qorti huwa l-effett ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati Kriminali fuq proċeduri Ċivili. Huwa minnu li l-Artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li kull reat jagħti bidu għal azzjoni kriminali u ghal azzjoni ċivili. Min-naħa l-oħra dan l-artikolu mhux qiegħed jgħid iżda li sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali torbot lill-qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jew li l-intavolar ta' proċeduri kriminali tkopri wkoll proċeduri ċivili; illi meta tiġi ppreżentata azzjoni ċivili naxxenti minn reat, il-Qorti m'hijiex marbuta bid-deċiżjoni li tkun ingħatat mill-qorti fil-ġurisdizzjoni kriminali. Din il-Qorti tifhem dan l-artikolu, anka fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-imsemmi Kodiċi, li kull reat jista' jagħti bidu għal żewġ tipi ta' proċeduri liema proċeduri huma separati.*

*Illi magħdud ma' dan għandu jingħad li mhux biss l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra, iżda wkoll għaliex l-grad ta' prova rikjest mil-liġi fiż-żewġ kampi tal-liġi huma differenti minn*

[4] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2019 (mhux appellata),

*xulxin. Filwaqt li fil-kamp kriminali l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha 'oltre d-dubju dettat mir-raġuni'; fil-kamp ċivili ir-rikorrent irid jipprova l-każ tiegħu 'fuq bilanċ ta' probabilità'. Il-liġi ma tipprojbixxiex lill-partijiet milli jippreżentaw provi miġbura u/jew sentenzi mogħtija minn qrati ta' kompetenza kriminali, iżda din hija biss waħda mill-provi li l-qorti ċivili tieħu in konsiderazzjoni. Tant huwa hekk, li kif ser jiġi muri aktar 'l quddiem, fil-każ ta' azzjoni ta' spoll l-Artikolu 791 tal-Kap. 12 jipprovdi illi xhieda mogħtija f'azzjoni kriminali jistgħu jifformaw parti mill-provi fl-azzjoni ċivili.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmelo Micallef St. John et vs. Richard Spiteri et*** *(Ċit Nru 205/1993)[5] deċiża fl-24 ta' Novembru 1994 il-Prim'Awla irriteniet: Illi jrid jinghad mill-ewwel illi bhal ma hu ben saput il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati tasal ghall-konkluzjonijiet taghha fuq il-provi li jingiebu quddiemha bl-ebda mod ma jorbot lil din il-Qorti fil-masjoni civili li tasal ghall-istess konkluzjoni.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***David Pace vs. Frans Falzon et*** *(Ċit Nru 2395/2000) deċiża fit-3 ta' Mejju 2011)[6] l-inċident li kien qiegħed jiġi trattat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kien ukoll il-mertu ta' proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenut. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet illiberat lill-konvenut mill-akkużi dedotti kontrih. Fost l-akkużi kien hemm li l-konvenut kien ħebb għall-attur bi flixkun u kkaġunalu feriti ta' natura gravi. Nonostante li fil-proċeduri kriminali l-konvenut kien ġie lliberat, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li kien il-konvenut li kien responsabbli għall-akkadut u żammitu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rreferiet għal diversi sentenzi u insenjamenti li se jiġu hawn taħt riprodotti:*

*"Din il-Qorti diversament presjeduta (PA/PS) fil-kawza "**Carbonara vs Ryan**" deciza fit-28 ta' Jannar 2004 osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali propju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-ezebizzjoni f'kawza civili ta' kopja*

---

[5] Sentenza ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Jannar 2002

[6] Ara wkoll **Jane Carabott pro et noe vs. Mark Julian Ryan et** (Ċit Nru 1448/1997PS) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 2004: '*Mhux il-kaz li tigi nvestita ulterjorment din il-kwestjoni gjaladarba f' dan il-gudizzju l-provi dwar l-allegat delitt saru ex novo*'; **Joseph Farrugia et vs. Carmel Borg et** (Ċit Nru 2379/1996) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju 2001: '*Fit-tieni lok huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi f'kawza civili ta' din in-natura m'hemmx bzonn l-intenzjoni li xi hadd jispolja - l-animus spoliandi - u dana proprju in vista tan-natura socjali ta' din l-azzjoni intenta biss ghal priserva tal-buon ordni. Ghalhekk hija wkoll ta' rilevanza margnali s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Kriminali fejn il-konvenut prezenti gie liberat mill-akkuza ta' ragion fattasi li giet proposta kontra tieghu fil-kamp kriminali fejn l-elementi intenzjonali huwa kostitwent tar-reat (almenu fid-delitti minkejja illi anke fil-kontravvenzjonijiet hija rikjesta l-volontarjeta') u dan apparti mill-punt kardinali l-iehor ta' dritt tas-separazzjoni taz-zewg processi - dak civili u dak kriminali - u dan in vista wkoll tal-grad tal-prova differenti rikjesta fiz-zewg proceduri.*'

*ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (**Vol XXV.I.689 u Vol XXXIX.II.768**).*

*Fis-sentenza moghtija fis-27 ta` Lulju 2007 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Pace vs Camilleri**" kien rilevat hekk: –*

*[...]*
*Naturalment minhabba l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi **biss wahda mill-provi** li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara - "**Xuereb vs Micallef**" **– Appell – 26 ta' Novembru** 1923; "Abela vs Bonnici" - PA - 23 ta' Jannar 1958; "Briffa vs Abela" - PA - 28 ta' Marzu 2003; u "Caruana vs Ministru tal-Ambjent et" – PA – 7 ta' Lulju 2004)*

*Dan il-punt ta` dritt kien imfisser b`reqqa fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Camilleri vs Cassar**" moghtija fl-1 ta` Dicembru 1955 kien inghad a propozitu hekk –*

*Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali, anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibbilita` taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformement ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-Artikolu 627(e) tal-Kap.12.*

*Mal-premess, din il-Qorti izzid tghid **ukoll** li l-onus tal-prova huwa divers fil-kamp penali minn dak fil-kamp civili fis-sens li filwaqt li fil-kamp penali jispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre d-dubbju dettat mir-raguni, fejn allura l-akkuzat ghandu jigi liberat minn dawk l-akkuzi jekk ikun jissussisti dubbju dettat mir-raguni, fil-kamp civili, l-onus tal-prova, ghalkemm jibqa` jinkombi fuq min jallega u cioe` tal-attur, jitkejjel fuq il-bilanc ta` probabilitajiet. Huwa propju ghalhekk li dak deciz f`sede penali jista` jkun biss wahda mill-provi ghall-fini tal-proceduri civili proprju ghaliex iz-zewg proceduri huma ndipendenti u awtonomi minn xulxin kif ukoll ghaliex l-onus tal-prova huwa trattat diversament.*

**Il-Provi**

Jirriżulta illi għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar tal-jum tad-19 ta' Frar 2011 il-Pulizija rċeviet informazzjoni li fi Triq Santa Marija ġewwa x-Xewkija kien seħħ inċident li fih kienu involuti vettura tal-għamla Rover lewn aħdar tagata AAB 464 li kienet qegħda tiġi misjuqa mill-konvenut u biċikletta li kienet misjuqa minn Anthony John Xuereb li dak inhar tal-inċident de quo kellu tlettax (13)-il sena.
L-**Ispettur Frank Anthony Tabone** li xehed kemm fil-kors tal-proċeduri kriminali kif ukoll f'dawn il-proċeduri spjega illi meta aċċeda fuq il-post ra li l-vettura in kwistjoni kellha daqqa viżibbli fuq in-naħa ta' quddiem tagħha u l-*windscreen* kien maqsum b'xagħar maqbud fih. Fl-art kien hemm ukoll xi demm u r-rota li kien qiegħed isuq Xuereb instabet illi kella r-rota ta' quddiem maqlugħa liema rota nstabet ftit 'il bogħod mill-post fejn kienet tinsab ir-rota.

Mill-investigazzjoni rriżulta wkoll illi l-vettura misjuqa mill-imputat kienet iggaraxxjata u la kienet koperta b'liċenza biex tinstaq fit-triq u lanqas ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni.

Xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** li spjega li dak inhar tal-inċident de quo huwa aċċeda fuq il-post fejn seħħ l-inċident u hemm ra l-vettura tal-għamla Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni AAB 446 li kellha daqqa fuq in-naħa ta' quddiem fuq in-naħa tax-xellug. Fuq il-post kien hemm ukoll biċikletta li kellha r-rota maqlugħa. Il-biċikletta instabet ftit metri bogħod mill-vettura. Fl-art kien hemm ukoll flixkun ice-tea. Mistoqsi jekk rax xi ħobża fl-art jgħid illi ma jiftakarx dan id-dettal. Żied jgħid illi l-vettura tal-konvenut kellha *brake marks* ta' madwar 10.95 metri. Jgħid illi l-konvenut qallu *"Kont ghaddej ghad-dritt u qasamli tifel minn go side street bir-rota li kellu l-hobz u flixkun f'idu u lqattghu bil-karrozza"* (*a fol.* 137 u 143 tal-proċess kriminal u *a fol.* 88 tal-proċess ċivili).

Mill-provi akkwiżiti jirriżulta illi fl-impatt bejn il-vettura u l-biċikletta Anthony John Xuereb ġarrab ġrieħi ta' natura gravi tant illi kif ġie ċċertifikat minn Dr Joseph Vella, Anthony John Xuereb kien saħansitra jinsab fil-periklu tal-mewt. Anthony John Xuereb ġie mittieħed b'ambulanza lejn l-isptar ġenerali t'Għawdex biss minħabba l-kumplikazzjonijiet u l-komplessita tal-ġrieħi li ġarrab, l-istess Xuereb ġie trasferit permezz ta' elikotteru lejn l-Isptar Mater Dei. Xuereb ġie sottomess għal eżamijiet mediċi estensivi li vverifikaw il-kundizzjoni

tiegħu u l-ġrieħi kollha li kien ġarrab. Konsegwenza tal-ġrieħi Xuereb ġie sottopost għal intervent mediku f'rasu u in segwitu dam tlett xhur rikoverat ġewwa l-ITU. Matul dawn it-tlett xhur Xuereb kien f'coma u intubat. Eventwalment beda ħiereġ mill-coma biss it-triq għall-irkupru kienet twila ħafna u r-rikoveru tiegħu fl-isptar Mater Dei dam għal diversi xhur. Xuereb ġie ukoll sottomess għal interventi kirurġiċi ulterjuri u sa llum għadu jinneċessita' minn trattament estensiv.

Ix-xhieda mill-kamp mediku illi xehdu fil-kors ta' dawn il-proċeduri u f'dawk ta' natura kriminali, ilkoll huma konkordi illi sa l-jum tal-inċident Xuereb ma kien ibagħti minn ebda kundizzjoni u kien jirriżulta bħala tifel b'saħħtu. Mill-provi jidher ukoll illi Xuereb kien tifel bħal ħafna oħrajn, attiv, imur l-iskola, jieħu gost jiddeverti ma sħabu, dilettant taż-żwiemel u jilgħab il-futbol. Konsegwenza tal-inċident Xuereb ġarrab ġrieħi serjissimi li ħallewh isofri minn diżabilita' permanenti b'tant illi minn wara l-inċident ġie dipendenti totalment fuq l-għajnuna li llum qegħda tingħata lilu mill-ġenituri tiegħu. Fl-atti jinsab enfasizzat li Xuereb ġie f'sitwazzjoni fejn m'għadux kapaċi jagħmel l-affarijiet tiegħu waħdu u lanqas ma jista' jiġi fdat waħdu għaliex jekk ma jkunx assistit jitlef il-bilanċ u jaqa'. In segwitu għall-inċident Xuereb jinsab afflitt mhux biss minn problemi ta' natura medika iżda wkoll ġie affettwat l-aspett psisku u affettiv ta' ħajtu aktar u aktar għaliex lanqas huwa konsapevoli minn l-istat illi jinsab fih. Xuereb iqatta' ħinu jilgħab bil-*playstation* mingħajr ebda prospett fil-ħajja anki għaliex il-kundizzjoni li jinsab fiha timpedih milli jsib xogħol jew milli jippjana l-futur tiegħu.

Tant għalissa dwar il-qagħda klinika ta' Anthony John Xuereb.

Ir-riżoluzzjoni tal-vertenza u d-deċiżjoni li trid tagħti l-Qorti dwar il-mertu tistrih fuq ir-responsabbilita' għall-inċident. Tajjeb għalhekk illi jsir sunt tal-provi akwiżiti li jixħtu dawl fuq id-dinamika tal-inċident.

Il-provi prinċipali f'dan il-każ huma l-provi akkwiżiti mill-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti, l-espert tekniku Joseph Zammit illi ftit tal-ħin wara li seħħ l-inċident aċċeda personalment fuq il-post u ppreżerva l-evidenza li rriżultat. Minn din ir-relazzjoni jirriżultaw is-segwenti fatti li huma saljenti:

- L-inċident seħħ fl-inkroċju bejn Triq Santa Marija u Triq Imġarr ix-Xini, Xewkija;

- Max-xewka tal-kantuniera tal-fond bin-numru sebgħa (7) instab tixlif frisk u taħt il-bankina, quddiem it-tixlif intabet ir-rota ta' Xuereb – mir-relazzjoni tal-espert u mir-ritratti minnu esebiti l-Qorti tifhem illi dan it-tixlif huwa evidenti tal-impatt li r-rota kellha mal-ħajt qabel ma waqgħet taħt il-bankina;

- Fuq it-triq fin-naħa tax-xellug instab tiċpis ta' demm li jibqa' sejjer sa distanza ta' madwar 14.7 metri fejn imbagħad instabet għadira bid-demm – il-Qorti tifhem illi aktarx illi fejn kien hemm din l-għadira huwa l-punt fejn instab Xuereb;

- Il-vettura instabet wieqfa fi Triq Santa Marija angolata min nofs il-karreġġjata lejn il-lemin tal-istess karreġġjata;

- Il-vettura ġarrbet ħsarat konsiderevoli fuq in-naħa ta' quddiem tagħha fin-naħa tax-xellug ossia in-naħa tal-passiġier – mir-ritratti jidher ċar illi din in-naħa tal-vettura hija n-naħa li tiġi tħares lejn Triq Imġarr ix-Xini ossia t-triq li minnha kien ġej Xuereb;

- Il-*windscreen* tal-vettura huma miksur fuq in-naħa tax-xellug u f'din il-parti nstab maqbud xagħar ta' lewn iswed li jikkombaċja mal-kulur ta' xagħar il-minuri;

- Instabu *brake marks* li jmorru mir-roti ta' quddiem lura sa distanza ta' 10.95metri. Fir-relazzjoni tiegħu l-espert tekniku Joseph Zammit irrimarka li dawn il-*brake marks* irriżultaw immarkati grassi fuq il-wiċċ tat-triq fatt dan illi jidher ben evidenti fir-ritratti;

- Kif jidher mir-ritratti esebiti flimkien mar-relazzjoni teknika, il-*brake marks* jibdew man-naħa tax-xellug u joħroġu 'l barra lejn in-naħa tal-lemin tal-karreġġjata – il-Qorti tifhem illi dan huwa hekk għar-raġuni li mal-impatt ix-xufier tal-vettura ġibed il-barra f'tentattiv li jiskapola lil Xuereb;

- L-espert tekniku rrileva illi l-*brake marks* jibdew fil-parti ta' isfel, lejn in-naħa tax-xellug quddiem l-inkroċju bejn Triq Santa Marija u Triq Imġarr ix-Xini;

- Mir-ritratti esebiti jidher ukoll illi Triq Santa Marija hija *two-way* – dan jidher mill-fatt li fiha jidhru parkeġġati vetturi li qegħdin iħarsu wiċċhom 'l isfel ossia fid-direzzjoni opposta għal dik illi kien ġej minnha l-konvenut;

- Taħt il-karozza tal-konvenut instab flixkun tal-plastik tal-*ice-tea*;

- Fuq il-bankina viċin ir-rota instab tixrid ta' biċċiet ta' ħobż tal-malti;

- Ir-rota ġarrbet ħsarat estensivi – ir-rota ta' quddiem tagħha tqaċċtet minn mal-furketta u taret lura għal distanza ta' madwar mitt metru (100m) 'l ġewwa fi Triq Imġarr ix-Xini;

- Fil-parti ta' fuq ta' Triq Imġarr ix-Xini hemm sinjali li jindikaw li din hija *one-way* ossia li ma tistax tidħol minnha biex toħroġ fi Triq Santa Marija. Id-direzzjoni ta' din it-triq hija tali li minn Triq Santa Marija tista' biss tidħol fi Triq Imġarr ix-Xini biex minn hemm toħroġ għal Triq l-Għarus. Dan ifisser illi Xuereb kien qiegħed isuq il-biċikletta tiegħu fid-direzzjoni kuntrarja għad-direzzjoni stradali;

- Xuereb ma kienx liebes *crash helmet*;

- Ir-rota ta' Xuereb ma ħalliet ebda *brake marks* fl-art u dan minkejja li jirriżulta ppruvat u inkontestat illi l-*brakes* tar-rota kienu funzjonanti;

- Il-*brakes* tal-vettura jirriżultaw li kienu funzjonanti kif evidenzjat mill-marki li dawn ħallew fil-post tal-inċident;

Mill-investigazzjoni tal-Pulizija irriżulta li l-persuni kollha li ġew mitkellma lkoll qalu li ma jafux x'ġara għaliex fil-ħin tal-inċident kienu fid-djar rispettivi tagħhom u għalhekk ma rawx l-inċident iseħħ. Jidher illi x-xhieda okulari tal-inċident in kwistjoni huma tnejn ossia l-konvenut innifsu li fil-ħin tal-inċident kien riekeb waħdu fil-vettura, u Savio Buttigieg, tifel u ħabib ta' Anthony John Xuereb. Tajjeb jingħad li Anthony John Xuereb ma xehedx f'dawn il-proċeduri.

Fl-istqarrija li rrilaxxja **John Hili** fit-tlieta ta' wara nofs inhar tal-jum tal-inċident, huwa stqarr illi kien ħiereġ minn Triq Santa Marija fix-Xewkija

meta *"f'daqqa wahda nara tifel fuq rota kellu flixkun f'idejn wahda u l-hobz f'idejn l-ohra u baqa hiereg minn go sqaq fejn gara l-incident."* Żied jgħid illi *"dak il-hin gbidt ghan-nofs u zammejt il-brake"* u li *"jiena bil-mod insuq, dak il-hin kont ghaddej bl-ghaxra jew bl-ghoxrin kilometru"* u aktar li *"nghid cert li ma kontx insuq"*. Spjega wkoll illi *"gara kollox malajr"*, *"f'hin minnhom it-tifel gie fuq il-windscreen tal-vettura tieghi"* Ikompli jixhed illi *"Kull ma nista nghid li jiena lit-tifel ma kellix cans nara x'ha jaghmel jien sibtu ma wicci mal-karozza."* (*a fol.* 17 tal-proċess kriminali).

Fil-kors tal-proċess kriminali xehed illi dak inhar tal-akkadut il-konvenut kien ġej mid-direzzjoni ta' Sannat għax-Xewkija. Kien dirett lejn garaxx li għandu fix-Xewkija fejn kien fi ħsiebu illi jieħu l-vettura involuta fl-inċident sabiex jeżegwixxi hu stess xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istess vettura. Spjega li kien qiegħed isuq fit-triq priċipali ossia fi Triq Santa Marija fix-Xewkija nieżel għad-dritt. Fin-naħa tax-xellug ta' din it-triq hemm triq laterali ossia Triq Imġarr ix-Xini li hija *one-way* u minnha ma tistax toħroġ. Xehed illi *"f'daqqa waħda joħroġ tifel sparat bir-rota"* minn triq li hemm fuq in-naħa tax-xellug ossia minn Triq Imġarr ix-Xini u li meta għamel dan Xuereb mexa kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Żied jgħid illi huwa ra lill-minuri meta kien f'distanza ta' madwar ħames (5) piedi bogħod minnu u jiftakar li f'id waħda l-minuri kien qiegħed iżomm ħobża u fl-id l-oħra flixkun ice-tea. Dak il-ħin Xuereb ġibed fuq ix-xellug biex jiskapula l-impatt mal-vettura. Dwar dan il-punt aktar tard fix-xhieda u anki meta xehed f'dawn il-proċeduri Hili jgħid illi ra li Xuereb kellu ħobża f'idu biss kien wara l-inċident li sema mingħand in-nies li fl-id l-oħra Xuereb kien qiegħed iżomm flixkun ice-tea.

Hili kompla jixhed illi kif appena seħħ l-inċident huwa ħareġ mill-vettura tiegħu u *"bdejt ngħajjat u nagħti ġo saqajja u ġo idejja jiġifieri u ntlift imbagħad minn sensija"* u li *"Jien intfajt bilqiegħda fl-art ngħajjat jiġifieri hemmhekk maġenbu u ġiet l-ambulanza u ma nafx x'ġara"* għaliex dak il-ħin kien jinsab fi stat ta' xokk. (*a fol.* 1461 u 1462 tal-proċess kriminali)

Fil-kontro-eżami li sar fil-kuntest tal-proċess penali, Hili xehed illi t-triq fejn seħħ l-inċident hija għad-dritt u aktar 'il fuq tiġi sserrep. Mistoqsi dwar il-veloċita' illi kien jinsab għaddej biha fil-ħin qabel seħħ l-inċident, Hili wieġeb illi *"Ma nistax ngħidlek għax jien m'inhix dak tat-traffic eh."* – *a fol.* 1462 tal-proċess kriminali)

Hili ċaħad illi Xuereb kien wieqaf mal-bankina jew li hu seta' ħakem bil-vettura tiegħu ir-rota ta' Xuereb. Ċaħad ukoll illi kaxkar lil Xuereb bil-vettura. Mistoqsi jekk kienx diġa qabeż it-triq li minnha kien ġej Xuereb, Hili wieġeb fl-affermattiv u li "*Iva, iva! Hemm il-brejkijiet jindikaw fejn huma*" (*a fol.* 1464).

Meta xehed fil-proċeduri odjerni, fis-sostanza Hili kkonferma l-fatti kif kien xehed dwarhom fil-proċess kriminali fil-konfront tiegħu. Isostni li kien Xuereb li ħareġ sparat minn triq *one-way* u baqa' dieħel fil-ġenb tal-vettura li kien qed isuq hu. Jgħid illi lemaħ lil Xuereb meta kien biss madwar ħames piedi bogħod mill-vettura u għalhekk ftit sekondi biss qabel seħħ l-impatt. Jgħid illi għalkemm ra li kellu xi ħaġa mdendla ma jdejh ma kienx hemm ħin biżżejjed biex jara sewwa sew l-oġġetti li kienu f'idejn Xuereb. Kompla jixhed illi jaf li Xuereb kien qiegħed iżomm ħobża f'idejh għaliex din spiċċat ġiet fuq il-karozza. Kien biss wara li sar jaf ukoll dwar l-*ice-tea* u dan għaliex kienu qalulu dwar dan in-nies. Xehed ukoll illi fil-ħin tal-inċident Xuereb kien qiegħed jaqsam it-triq.

Mistoqsi dwar il-veloċita' li kien għaddej biha Hili xehed illi kien għaddej bil-25 jew bit-30 iżda ma kienx jaf jgħid jekk il-veloċita' hix magħduda fil-vettura tiegħu bil-mili jew bil-kilometri.

Xhieda oħra importanti hija dik ta' Savio Buttigieg ossia ħabib ta' Xuereb.

Mix-xhieda ta' Buttigieg quddiem il-Qorti Istruttorja jirriżulta illi huwa kien preżenti meta seħħ l-inċident. Jgħid illi kien fil-jum tas-Sibt bejn Frar u Marzu 2011 u l-ħin tal-inċident kien għall-ħabta ta' nofsinhar. Jgħid illi dak inhar kienu ġo garaxx fix-Xewkija jibdnu karru tal-karnival. Kien hemm preżenti ħuħ John u xi persuni oħra. F'ħin minnhom Xuereb telaq mill-garraxx biex mar jixtri ħobża. Jgħid hekk:

"*Dakinhar Anthony mar jixtri ħobża u wara ftit minuti wara ddeċidejt li mmur jien ukoll. X'ħin konna sejrin, x'ħin kont sejjer iltqajt ma' Anthony, kien faċċata tiegħi, dak il-ħin waqaf, kellu ħobża f'id waħda u ice tea f'id oħra, il-ħobża kienet magħluqa ġo borża u kien qiegħed jistenna l-karozza tgħaddi. Anthony kellu ftit mir-rim 'il-barra*

...

*Ftit mir-rim tar-rota 'l barra.*"

...

*"Konna qed nistenna l-karozza tgħaddi u fid-daqqa u l-ħin ħadet lil Anthony magħha. Il-karozza, aw, ħabtet ma' Anthony, mat-tyre u ġibditu magħha. Anthony ħabat rasu mal-windscreen u waqa' fl-art. U jien mort fejnu, ngħajjatlu u tal-karozza ħareġ jgħajjat, "Madonna tajjart tifel! Madonna tajjart tifel! Ċemplu għall-ambulanza."* (*a fol.* 172)

Buttigieg kompla jixhed illi fil-mument li seħħ l-impatt sieħbu Anthony John Xuereb kien wieqaf u kien qiegħed jistenna l-vettura tgħaddi. Spjega ukoll illi t-triq fejn seħħ l-inċident mhijiex wiesa' biżżejjed tant li biex jgħaddu żewġ vetturi f'direzzjoni opposta waħda trid tieqaf biex iċċedi lill-oħra. Muri r-ritratti li ttieħdu mill-esperti nominati fl-atti tal-inkjesta, Buttigieg indika b'ċirku l-post fejn jgħid illi kien wieqaf Xuereb.

Il-Qorti tosserva illi ċ-ċirku li mmarka Buttigieg juri li Xuereb kien wieqaf fuq in-naħa tal-lemin ta' Triq Imġarr ix-Xini. Mir-ritratti jidher ukoll illi din il-parti tat-triq u cioe il-bankina li tinsab fuq in-naħa tal-lemin u li ddur minn Triq Imġarr ix-Xini għal Triq Santa Marija hija sporġuta ftit aktar 'il barra minn dik li tinsab fuq in-naħa tax-xellug ta' Triq Imġarr ix-Xini.

Fil-kontro-eżami li sar fil-kors tal-proċess kriminali, Buttigieg jgħid illi Xuereb kien wieqaf b'siequ fuq il-bankina fil-punt fejn huwa għamel iċ-ċirku. Jgħid illi l-vettura misjuqa mill-imputat kienet qegħda tinstaq ftit imħaxkna mal-bankina, madwar għoxrin ċentimetru 'l bogħod mill-ħajt. Jgħid ukoll illi l-vettura kienet qegħda tinstaq b'veloċita' mgħaġġla u li hu ra l-vettura għall-ewwel darba meta din kienet f'distanza ta' madwar żewġ vetturi bogħod. Żied jgħid illi Xuereb ma kienx qiegħed jiekol u li kien xtara l-ħobża minn ftit aktar 'il fuq. Jgħid ukoll illi huwa jaf li t-triq li minnha kien ħiereġ Xuereb hija *one-way*.

Savio Buttigieg xehed ukoll fil-kors ta' dawn il-proċeduri u sostanzalment ikkonferma dak illi kien diġa xehed dwaru fil-kors tal-proċediment kriminali fil-konfront ta' John Hili. Reġa spjega illi dak inhar tal-inċident kienu qegħdin f'garaxx ġewwa meta f'ħin minnhom Xuereb ħareġ biex mar jixtri ħobża mingħand il-forn tax-Xiber. Jgħid illi Xuereb, li kien qiegħed isuq ir-rota, xtara ħobża u flixkun ice-tea. Kompla jgħid illi Xuereb kien ħiereġ minn salib it-toroq miexi fit-triq kontra d-direzzjoni

tat-traffiku. Buttigieg kompla jgħid illi r-rota ta' Xuereb kienet tinsab madwar għaxar ċentimetri (10ċm) 'l barra minn Triq Imġarr ix-Xini meta ġiet vettura li kienet għaddejja b'veloċita' qawwija u tajret lil Xuereb. Spjega illi l-vettura laqtet lil Xuereb bil-ġenb tagħha. Xehed ukoll illi sema lil Hili jgħajjat li kien tajjar tifel.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jgħidu illi Savio Buttigieg kien kommoss meta xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta u nfaqa' jibki tant illi l-Qorti kellha twaqqaf ix-xhieda. Tajjeb jingħad illi din il-Qorti kif presjeduta m'assistietx personalment għax-xhieda viva-voce li ta' Savio Buttigieg u għalhekk ma tistax tikkonferma di persona dak illi jgħidu l-atturi. Il-Qorti pero' tosserva li la mill-verbal tas-seduta li fiha xehed Savio Buttigieg u lanqas minn qari tat-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu ma jirriżulta li seħħ xi episodju bħal dak illi jirreferu għalih l-atturi.

**<u>Ir-Relazzjoni Teknika</u>**

**<u>Relazzjoni dwar is-Smiegħ</u>**

In segwitu għan-nomina tiegħu, l-espert tal-Qorti **Dr Anthony Fenech**, eżamina lil Xuereb fl-1 ta' Marzu 2017 u ħejja rapport awdjoloġiku fejn ikkonkluda illi:

*Mr Xuereb is suffering from mild to moderate right sensorineural hearing loss as a result of his severe head injury leading to 2.8% hearing disability.*

**<u>Relazzjoni dwar l-aspett tal-Oftalmoloġija</u>**

Fir-relazzjoni tagħha wara li rat lil Xuereb fl-1 ta' Awwissu 2016, l-espert tal-Qorti fil-kamp tal-oftalmoloġija Dr Maria de Bono Cassar ikkonstat illi Xuereb ġarrab ħsara sinifikanti f'għajegħ tal-lemin.

In eskussjoni, Dr Maria de Bono Cassar spjegat hekk:

*Bhala vizta mill-ghajn leminija hija ta' 25%, bhala dizabilita fil-vista totali biz-zewg ghajnejn flimkien hija ta' 50%. Il-percentagg kollu huwa ta' 50%, ghaliex gew effettwati l-vizjoni ta' ghajnejn u anke meta jcaqlaq l-ghajn jara doppju.* (*a fol.* 786)

Żiedet tispjega illi l-persentaġġ ta' disabilita' ta' 50% huwa l-*weighted average* ta' tlett aspetti differenti ta' diżabilita' fl-għajn. Kompliet tixhed illi l-problemi li rriżultaw fl-għajn *"huma kollha kawża tal-inċident f'rasu u bħala konsegwenza fuq għajnejh"* u li *"l-affarijiet li rraportajt dwarhom huma permanenti – mhux se jinbidlu. Hu daqqa f'ghajnejh ma kellhux, kollox mill-inċident f'rasu/moħħu."* (*a fol.* 788)

**<u>Relazzjoni Psikjatrika</u>**

Fir-relazzjoni tiegħu l-espert tal-Qorti il-psikjatra **<u>Dr Joseph Vella Baldacchino</u>** josserva illi huwa kellu numru ta' viżti ma' Anthony John Xuereb. Jirrelata dwar diversi aspetti li ndaga dwarhom u in konklużjoni jgħid dan illi ġej:

*Minħabba l-fatturi imsemmija aktar il-fuq jirriżulta illi s-sur Xuereb qed ibati minn sintomi dipressivi u minn kundizzjoni magħrufa bħala Post-Traumatic Stress Disorder bħala konsegwenza ta' aċċident li hu kellu meta kien għad kellu tnax il-sena. Dan l-inċident ħalla impronta fiżika kif ukoll psikoloġika li għadu jbati biha sal-lum. Meta wieħed jikkonsidra l-eta' tenera tas-sur Xuereb u li baqa isofri mill-komplikazzjonijiet tat-trawma sal-ġurnata tal-lum, nikkalkula li għandu diżabilita' ta' 75 fil-mija.*

In eskussjoni Dr Joseph Vella Baldacchino spjega illi wasal għall-konklużjonijiet tiegħu billi:

*"Jiena mxejt b'mod arbitrarju a bażi ta' perċentaġġ ta' diżabilita oħra li nkun rajt qabel u meta tqis l-gravita' ta' dan il-każ, as compared to other cases, deherli li kelli nagħmilha on the high side anke minħabba l-eta' tiegħu u dik tajtha konsiderazzjoni kbira. Jiena wasalt għal dan il-perċentaġġ fuq l-professjonalita' tiegħi. Wasalt għal din il-figura prinċipalment fuq dawn l-elementi: i) l-eta' tiegħu ta' meta ġara l-inċident; ii) l-isfigurazzjoni li għandu; iii) l-fatt li l-individwu jgħid li ma għandux konsapevolezza tas-sitwazzjoni – "he is in denial" u iv) a bażi ta' perċentaġġi ta' diżabilita' li rajt kemm il-darba li f'dan il-każ partikolari u in vista ta' dawn l-punti li semmejt, deherli u kelli nagħti dan il-perċentaġġ. Daħħalt l-aspett tal-"quality of life" u din abbinata mal-aspetti l-oħra."*

Dr Vella Baldacchino żied jispjega illi hemm diversi aspetti li d-diżabilita' li rriżultat konsegwenza tal-inċident tinċidi fuqhom. B'riżultat ta' dan Anthony John Xuereb sofra diżabilita' f'kull aspett tal-ħajja u llum jinsab f'sitwazzjoni fejn mhux talli mhuwiex jifhem xi ġralu u x'inhi realment is-sitwazzjoni tiegħu, talli ġie f'pożizzjoni fejn jeħtieġ assistenza kontinwa f'kull aspett tal-ħajja anki dawk l-aktar bażiċi u intimi.

**Relazzjoni dwar l-aspett Newroloġiku**

L-espert tal-Qorti in-newrologu Dr Anthony Zrinzo ra lil Anthony John Xuereb nhar id-9 ta' Settembru 2016. Kiseb ukoll aċċess għall-istorja medika tal-istess Xuereb skont ma' tirriżulta mill-*file* mediku tiegħu. In adempiment tal-inkarigu mogħti lilu Dr Anthony Zrinzo ppreżenta r-relazzjoni redatta minnu fejn wara li għamel diversi kostatazzjonijiet ta' natura medika ikkonkluda hekk:

*"Now that more than seven and a half years have elapsed following the accident sustained on February 19, 2011 it is deemed that there will be no further improvement of the aforementioned neurological defects.*

| | |
|---|---|
| *Impaired short term memory<br>Cognitive impairment* | *10%* |
| *Facial dysfiguration* | *1%* |
| *Impaired co-ordination problems, problems with balancing and tetraspacticity* | *50%* |
| *Staccato speech* | *2%* |
| ***TOTAL PERCENTAGE DEFICIT*** | ***63%*<br>*(sixty three percent)*** |

***In addition to the above quaoted percentage, one must add the percentage deficit pertaining to the sensori-neural hearing loss which ought to be compounded by an ENT specialist as well as to the visual disturbances (visual acuity and impaied extra-ocular movements) which ought to be compounded by an opthalmologist.***

***The above percentage might also increase were Mr. Xuereb to suffer from other complications such as relapse of his epilepsy or were he to develop intracranial infections such as abscess formation, and infected bone flap."***

**Ikkunsidrat**

Diversi huma l-kunsiderazzjonijiet illi din il-Qorti trid tagħmel qabel tasal għad-deċiżjoni tagħha fil-mertu.

**<u>Il-Piż probatorju tar-relazzjoni teknika</u>**

Dwar il-piż probatorju tar-relazzjoni teknika, fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża **"<u>Calleja v. Mifsud</u>"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

***Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi <u>prova ta`fatt</u> li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*** *Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest …. illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.* (enfasi miżjuda)

Waqt illi skont l-Artikolu 681 tal-Kap 12 il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tekniku jekk dawn imorru kontra l-konvinzjonijiet tagħha, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax tiskarta dik ir-relazzjoni b'leġġerezza jew kapriċċ. Il-konklużjoni tal-Qorti dwar ir-relazzjoni u konklużjonijiet tal-espert tagħha trid tkun ben infurmata,

anki minn lat tekniku, u msejjsa fuq raġunijiet serjissimi li jqanqlu dubji dwar l-opinjoni teknika sottomessa[7]. Dan ifisser illi l-Qorti tista tiskarta relazzjoni teknika unikament f'ċirkostanzi fejn tkun konvinta li l-konklużjonijiet milħuqa mill-espert tagħha mhumiex ġusti u korretti[8].

Ingħad ukoll illi l-Qorti għandha toqgħod fuq ir-rapport tal-perit maħtur minnha aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx talbet għan-nomina ta' periti addizzjonali[9].

Fil-każ in diżamina ġew sottomessi diversi relazzjonijiet mill-esperti nominati mill-Qorti matul diversi stadji tal-proċeduri li jikkonċernaw l-inċident mertu ta' din il-kawża. L-insenjamenti illi għadha kif saret referenza għalihom għandhom għalhekk jgħoddu mhux biss għar-relazzjonijiet tekniċi redatti mill-esperti mediċi nominati fil-mori tal-proċeduri ċivili, iżda għandhom jgħoddu wkoll għal dawk ir-relazzjonijiet redatti mill-esperti fil-kors tal-inkjesta maġisterjali u tal-proċess kriminali.

In kwantu si tratta dwar ir-relazzjoni teknika redatta fil-mori tal-Inkjesta Maġisterjali mill-espert tekniku Joseph Zammit, il-Qorti tosserva illi l-konklużjonijiet milħuqa minn dan l-espert ma ġewx kontestati fil-waqt opportun tant illi quddiem il-Qorti Istruttorja l-espert tekniku Zammit deher biss sabiex jikkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-relazzjoni tiegħu u għalkemm mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Frar 2012 jirriżulta li ġie riżervat il-kontro-eżami ta' dan l-espert, ma jirriżultax illi l-parte ċivile f'dawk il-proċeduri talbu li jsir tali kontro-eżami. Fuq talba tal-atturi, l-istess espert tressaq sabiex jixhed ukoll f'dawn il-proċeduri biss skont ma jirriżulta mill-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2014 l-espert intlab biss illi jikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni li kien ippreżenta fil-mori tal-inkjesta maġisterjali. Jidher għalhekk illi l-atturi f'din il-kawża kienu aċċettaw il-konklużjonijiet milħuqa mill-espert tekniku. Jidher ukoll illi huwa biss fil-kuntest tal-proċediment ċivili, speċifikament fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom illi l-atturi jaslu għal diversi tejoriji dwar kif seħħ l-inċident liema tejoriji jmorru kompletament kontra l-konklużjonijiet milħuqa mill-espert tekniku. Addirittura fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jallegaw illi l-perit tekniku wasal għall-

---

[7] Ara: **Philip Grima vs Carmelo Mamo et noe**, Qorti ta' l-Appell, 29 ta' Mejju 1998

[8] Ara: **Cauchi vs Mercieca**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999; **Saliba vs Farrugia**, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Jannar 2000; **Calleja noe vs Mifsud**, Qorti ta' l-Appell, 19 ta' Novembru 2001

[9] Ara: **Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**, Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967

konklużjonijiet tiegħu abbażi tax-xhieda li kien tah il-konvenut wara l-inċident. Mill-atti jirriżulta illi dan mhuwiex minnu għaliex l-espert tekniku ma sema ebda xhieda tant illi ddikjara dan fir-relazzjoni tiegħu u żied jgħid illi x-xhieda kienet sejra tinstema' mill-Maġistrat Inkwirenti. Għaldaqstant, il-konklużjonijiet kollha li wasal għalihom l-espert tekniku huma msejsa fuq il-fatti li sab quddiemu l-istess espert meta aċċeda għax-xena tal-inċident.
Ferm il-premess il-Qorti sejra tqis ir-relazzjoni teknika redatta mill-espert tekniku Joseph Zammit bħala prova ta' fatt.

L-istess jista' jingħad għar-relazzjonijiet tal-esperti mediċi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu il-konvenut jipprova jaqbad mal-fatt illi wara kull relazzjoni li ġiet ippreżentata mill-esperti fil-qasam rispettiv tagħhom, huwa dejjem intavola nota fejn iddikjara li ħass ruħu aggravat b'kull rapport u li kien qiegħed jitlob il-ħatra ta' periti perizjuri. Il-Qorti pero tinnota li ghalkemm il-konvenut ħa ħsieb jagħmel l-eskussjoni tal-esperti kollha nominati madankollu naqas milli jressaq rikors b'talba speċifika għall-ħatra ta' periti addizzjonali. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-esperti mediċi minnha maħtura sabiex jeżaminaw lill-attur Anthony John Xuereb u sejra tqis dawn bħala prova ta' fatt flimkien mal-provi l-oħra.

**<u>Il-Preżenza ta' Savio Buttigieg</u>**

Waħda mill-kontestazzjonijiet prinċipali f'dawn il-proċeduri hija proprju jekk Savio Buttigieg kienx preżenti fil-mument illi seħħ l-inċident.

L-atturi jisħqu illi Savio Buttigieg kien preżenti u jakkampaw it-teżi tagħhom fuq din ix-xhieda.

Mill-banda l-oħra l-konvenut jisħaq illi hu ma rax lil Savio Buttigieg fuq il-post tant illi jgħid illi meta ħareġ mill-vettura tiegħu immedjatament mali seħħ l-inċident huwa ma ra lil ħadd. Huwa minnu li dak il-ħin il-konvenut kien jinsab fi stat ta' xokk qawwi tant li jikkonċedi li ntilef minn sensiegħ ftit tal-ħin wara. Madanakollu, l-konvenut jiftakar li malli l-vettura waqfet huwa ħareġ mill-karozza u mar pront fejn Xuereb li kien fl-art. Jiftakar ukoll li beda jgħajjat għall-għajjut u li talab li tissejjaħ ambulanza. Jekk jiftakar dan id-dettal allura possibbli ma jiftkarx il-

preżenza ta' tifel ieħor aktar u aktar jekk kif xehed Savio Buttigieg huwa mar fl-art fejn sieħbu Anthony John Xuereb u beda jgħajjatlu b'ismu ?

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-isem ta' Savio Buttigieg ma jirriżultax fl-okkorrenza li ħejja PS 664 Jason Xerri. Għalkemm jirriżulta li l-Pulizija tkellmet ma' xi persuni u saħansitra semmewhom b'isimhom u b'kunjom fir-rapport tal-Pulizija, ma jirriżultax illi tkellmet ma' Savio Buttigieg u fil-fatt lanqas ħadd ma semma lil Savio Buttigieg. Tant dan huwa minnu li lanqas fix-xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone u ta' PS 664 Jason Xerri ma jagħmlu referenza għal xi nformazzjoni li seta' tahom Savio Buttigieg.

Dan il-fattur ċertament iqanqal dubju dwar jekk huwiex minnu li Savio Buttigieg kien xhud okulari ta' l-inċident. Mill-banda l-oħra, iżda, fix-xhieda tiegħu Buttigieg jiddeskrivi dettal li ma setax ikun jaf dwaru jekk mhux għaliex verament kien preżenti. Fil-fatt, Buttigieg konsistentement fix-xhieda tiegħu jgħid illi hu kien faċċata ta' Xuereb u ra illi f'idejh Xuereb kien qiegħed iżomm ħobża li kienet imgeżwa u flixkun *ice-tea* fl-oħra. Jindika wkoll il-pożizzjoni u l-post fejn kien jinsab Xuereb qabel l-impatt u li saħansitra dan kellu madwar għaxar ċentimetri mir-rota sporġuta 'l barra għal fuq Triq Santa Marija. Ġialadarba ma kienx hemm persuni preżenti fuq il-post tal-inċident u tenut kont tal-fatt li Xuereb m'għandux sens ta' dak illi ġara, il-Qorti tistaqsi kif seta' Buttigieg jikseb dawn id-dettalji jekk mhux għaliex verament kien qiegħed fil-post tal-inċident. Il-Qorti hija tal-fehma li Buttigieg verament kien jinsab fuq il-post jew viċin biżżejjed li ra l-inċident iseħħ u huwa għalhekk biss li seta' jirrakkonta l-ġrajja. Jekk din il-verżjoni hijiex l-aktar waħda kredibbli jew le hija kwistjoni differenti.

**<u>Kredibilita' tax-xhieda u apprezzament tal-provi</u>**

Illi ssir referenza għall-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jisħaq li:

*"l-obbligu tal-prova ta 'fatt imiss dejjem lil min jallegah."*.,

U ssir referenza ukoll għall-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jisħaq li:

*"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.."*

Jinsab ravviżat fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966 illi:

*"F'sitwazzjoni konsimili, ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa mbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg verzjonijiet 'mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' 'in dubio pro reo''.*

Fis-sentenza appena ċitata l-Qorti qalet ukoll illi:

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha, Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant ". (ara wkoll – "Ciantar vs Curmi noe " – PWPS – decizafit-28 tas April 2003 ; u "Kmandant tal-Forzi Armati tas Malta vs Difesa" - PA/PS – deciza fit-28 ta' Mejju 2003 ; "Borg vs Bartolo " Appell Inferjuri _25 ta Gunju 1980 ; "Caruana vs Laurenti " – Prim Awla tal- Qorti Civili _ 8 ta' April 1994 ; "Borg vs Manager ta s l- Intrapriza tal-Halib" _ Prim 'Awla tal-Qorti Civili 17 ta s Lulju 1981 ; "Vassallo vs Pace" _ Vol.LXX.II. 144 u "Zammit vs Petrococchino " --- Appell Kummercjali – 25 ta Frar 1952).*

U kif ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella**:

*"Mhux kwalunkwe tip ta ' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta ' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista ' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo ". Madanakollu "l-Qorti ....ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-*

*gudikant ". Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur ghandha tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

Illi dwar il-provi li għandu jressaq l-attur issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** fit-12 t'April, 2007) fejn ingħad illi:-

*"In materja ta ' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XL v1/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta ' -Ara vol. XXXVII/i/577.*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b 'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco -App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104".*

Hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Montebello vs Peter Montebello et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Novembru 2013:

*"Hawnhekk ta' min jirribadixxi li in tema legali huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. ' Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. "Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b 'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili."*

Fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk :-

*"Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri mhix pubblikata, imma fdan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004)...*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (App. Inf JSP 12. l. 2001 fil-kawzafl-ismijiet Hans J. Link et vs Raymond Mercieca).*

*Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha*

*(App. Inf PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil);*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti fkawza li tipprova dak li tallega (Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12);*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu ta' bilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukollghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismljiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-princpju ghandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo el).*

*La darba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)*

*Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq ilprincipju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, il-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-proċcess probatorju (App. Civ. 19.6.2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe).*

*Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa*

*quddiemha (App. Inf 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et).*

**<u>Responsabilita' għall-inċident</u>**

L-azzjoni attriċi hija impernjata fuq il-*culpa acquiliana*. Din ix-xorta ta' azzjoni tippreżupponi l-eżistenza ta' fatti li minnhom titnissel il-ħtija. Għall-kuntrarju ta' azzjoni naxxenti minn danni *ex contractu*, fil-kuntest tal-*culpa acquiliana* m'hemmx ness anteċedenti għall-att jew għall-ommissjoni li minnhom titnissel it-talba għad-danni allegatament ikkawżati. Jinkombi għalhekk fuq l-attur li jagħmel il-prova tan-ness bejn l-event dannuż attribwibbli għall-aġir tal-konvenut u d-danni riżultanti li jnisslu favur l-attur il-jedd għall-ħlas tal-kumpens.

Dan il-prinċipju bażilari ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited et vs Joseph Brincat et**, deċiża fl-4 ta' Lulju 2012, ingħad illi:

*"Jigi enfasizzat dak li intqal fis-sentenza Joseph Grech vs Emanuel Ellul pro et noe, deciza nhar is-27 ta'Gunju 1995 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li:*

*"Sabiex ikun hemm lok ghad-danni irid ikun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza"*

Irid jirriżulta suffiċjentement ippruvat illi l-event dannuż seħħ bi ħtija **<u>diretta</u>** u **<u>unika</u>** tal-konvenut.

L-ewwel punt illi jrid jiġi stabbilit huwa min kellu d-dritt illi jibqa' għaddej minn triqtu mingħajr ebda obbligu li jieqaf biex iċedi d-dritt lil ħaddieħor sabiex jgħaddi.

L-Artikolu 76 tal-Motor Vehicle Regulations (L.S. 65.11) jistabbilixxi hekk:

*A major road is one where all traffic going over it has the right of way, and traffic on all other roads converging into it shall give way to that on the road referred to above, provided, however, that the driver of any motor vehicle whether on a major*

*or minor road shall at all times exercise due care and shall take all necessary precautions at any road junction.*

L-Artikolu 82 tal-Motor Vehicle Regulations jipprovdi illi:

*The driver of a motor vehicle proceeding from a minor into a major road is to give way to traffic on the major road.*

Dwar l-Artikolu 76 imsemmi, fis-sentenza riportata fil-Vol. XLV.i.389 intqal li:

"*.. id-driver ta' kull vettura sew fi triq principali u sew f'wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekwazjonijiet mehtiega f'kull kantuniera, huwa pero` fatt inkontesat li l-oneru tal-utent tat-triq laterali huwa aktar gravuz minn dak tal-utent principali ghaliex il-manuvra li jkun se jaghmel fiha nnifisha tiddisturba l-korsa ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali.* (Stagno Navarro v. Saliba)."

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appellfis-27 ta' Lulju 1981 fl-ismijiet **Camilleri v. Demicoli** il-Qorti żiedet tgħid tgħid illi:

"*Il-grad ta' diligenza, prudenza u attenzjoni li l-utent ta' triq sekondarja obligat li jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku ghaddej fit-triq principali li jesplora tajjeb it-triq u sahansita jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.*"

Fil-każ ta' llum wara li l-Qorti aċċediet personalment fuq il-post u abbinat dak li jidher fir-ritratti meħuda mill-esperti maħtura fl-inkjesta Maġisterjali ma' dak illi jirriżulta fattwalment fil-post, il-Qorti hija f'pożizzjoni illi tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet ta' fatt:

- Triq Santa Marija hija t-triq prinċipali;
- Triq Imġarr ix-Xini hija triq laterali
- Triq Imġarr ix-Xini hija *one-way* - dan huwa evidenzjat minn sinjali tat-traffiku li jindikaw dan liema sinjali huma mwaħħla fuq kull naħa tat-tarf ta' Triq Imġarr ix-Xini
- Minn Triq Imġarr ix-Xini ma huwiex permess ħruġ għal fuq Triq Santa Marija
- Fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Imġarr ix-Xini ma hemm ebda sinjal ta' *stop sign*.

Il-Qorti tinnota illi in-nuqqas ta' *stop sign* fil-kantuniera bejn Triq Santa Marija u Triq Imġarr ix-Xini huwa prova ċara u inekwivoka li min jinsab għaddej minn Triq Santa Marija għandu d-dritta. Dan il-fattur għandu aktar siwi fil-kuntest tal-fatt illi Triq Imġarr ix-Xini hija *one-way* u minn Triq Santa Marija is-sewwieqa jistgħu **BISS** jidħlu għal Triq Imġarr ix-Xini. Huwa wkoll għal din ir-raġuni illi ma jeżistix u ma hemmx bżonn ta' sinjal ta' *stop sign* fil-kantuniera bejn Triq Santa Marija u Triq Imġarr ix-Xini.

Fil-kuntest ta' dawn l-osservazzjonijiet, jista' jingħad illi l-konvenut li kien qiegħed isuq fi Triq Santa Marija huwa l-*main road user*.
Fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Christopher Polidano vs Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo**, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi dak illi huwa rilevanti f'każijiet bħal dak ta' llum huwa x'kienet il-kawża prossima tal-inċident.

Il-kwistjoni dwar jekk il-veloċita' eċċessiva hijiex fattur li jikkontribwixxi għall-inċident, ġiet dibattuta diversi drabi. Diversi huma s-sentenzi li jikkonfermaw illi l-veloċita' mhijiex fattura rilevanti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Stanley vs Alan Zahra** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Marzu 1993 ingħad illi:

*Fil-fehma tal-Qorti, il-perit legali ma applikax il-prinċipji rikonoxxuti fil-ġurisprudenza ' 'in civilibus" rigward l-effett ta' veloċità eċċessiva tal-'main road user' fuq id-determinazzjoni tar-responsabbilità tas-sinistru. Ġie kostantement ritenut illi waqt li l-veloċità eċċessiva għal dik regolamentari, jekk tirriżulta ppruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun main road user u sija jekk ma jkunx, għal proċeduri kriminali kontra tiegħu għall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan apposti; tali veloċità eċċessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bħala fattur determinanti għar-responsabbilità għall-inċident jew kontributorju ghalih. Irid jiġi stabbilit sodisfaċentement illi l-veloċità eċċessiva kienet element determinanti li pprovoka l-inċident u li tista' titqies bħala l-kawża prossima ta' l-akkadut;*

*Hu ċar fil-każ in eżami illi dak li pprovoka l-inċident, ċertament ma kienx is-sewqan b' veloċità "ftit jew wisq ħaj" tad-driver tal-vettura ta' l-attriċi, imma l-fatt ippruvat u stabbilit mill-perit legali, illi l-konvenut invada t-triq prinċipali, minn fejn kien nieżel il-Mercedes, mingħajr ma esplora sewwa dik it-triq u qabel ma aċċerta ruħu li seta' jagħmel dan bla jkun ta' tfixkil għat-traffiku ġej fuq il-*

*main road. Jirriżulta – u dan hu rilevanti – illi l-konvenut kellu viżiwali tajba u fit-tul fid-direzzjoni minn fejn kienet ġejja l-Mercedes. Dan ifisser li l-konvenut ma kellu l-ebda skużenti li seta' b'xi mod ġie sorpriż bis-sewqan tal-vettura fuq it-triq prinċipali. II-konvenut seta' jara sewwa l-Mercedes. Seta' jiġġudika l-veloċità tagħha u d-distanza li fiha kienet. II-konvenut jista' biss inkolpa lilu nnifsu jekk ma rax il-Mercedes, jew jekk raha, li ma kkalkula tajeb il-veloċità tagħha. Hu dan il-ġudizzju żbaljat li pprovoka l-inċident u mhux il-veloċità eċċessiva tad-driver l-iehor. Mill-banda l-oħra sewwa jingħad illi l-provi prodotti ma humiex fihom infushom konklussivi ta' xi veloċità esaġerata li kienet timpedixxi lid-driver tal-Mercedes li jitlef il-vettura jew li ma jirrejaġixxix tempestivament anke jekk mhux b'suċċess biex jieħu 'evasive action'. Anke jekk jiġi konċess dak li kkonkluda l-perit legali, li l-Mercedes kienet qed tiġi misjuqa bi speed in eċċess ta' dak regolamentari, il-Qorti ma tistax taqbel li s-sewqan ta' bin l-attriċi kien tali li jikkwalifikah bħala 'main road abuser', sal-punt li jiġi ritenut responsabbli għas-sinistru jew li kkontribwixxa għalih."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Piscopo vs Ruth Theuma** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2013. Ingħad hekk:

*"Illi l-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'veloċita' eċċessiva jekk dan ma jkunx il-kawża determinanti tal-kolliżjoni, huwa ma għandux jinsab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche' l-ispeed tiegħu ma jkunx dak li jissejjaħ sfrenat".*

L-atturi jallegaw illi l-inċident ġie kkawżat min negliġenza da parti tal-konvenut meta kawża tal-veloċita eċċessiva illi kien għaddej biha huwa ġibed miegħu u kaxkar lil Anthony John Xuereb waqt illi dan kien qiegħed jipprova jaqsam it-triq. It-teżi tal-atturi skont kif promossa tramite x-xhieda ta' Savio Buttigieg hija fis-sens illi Xuereb kien wieqaf, riekeb ir-rota, b'siequ x-xellugija fuq ir-rota u siequ tal-lemin fuq il-bankina fi Triq Imġarr ix-Xini wiċċu 'l barra lejn Triq Santa Marija jistenna lill-vettura misjuqa mill-konvenut tgħaddi minn Triq Santa Marija. Skont Savio Buttigieg, Xuereb kien qiegħed bir-rota sporġuta madwar 10 ċentimetri fi Triq Santa Marija b'tant illi meta l-konvenut għadda mħaxken mal-bankina b'veloċita' għolja huwa ġibed lil Xuereb miegħu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti jkomplu jxejjnu t-teżi tal-atturi partikolarment billi għamlu referenza ampja għar-regoli tat-traffiku kif jirriżultaw mill-*Highway Code*.

L-Artikolu 272 tal-*Highway Code* jirregola l-veloċita' u jipprovdi illi vetturi u muturi li jkunu qegħdin isuqu f'*built up areas* għandhom jivvjaġġaw bil-50 kilometru fis-siegħa *unless otherwise indicated*. Dan ifisser illi sakemm fi żona mibnija ma jkunx hemm limitazzjoni speċifika għall-veloċita, il-veloċita' massima permissibbli hija dik ta' 50 kilometru fis-siegħa. Fil-każ ta' llum, mill-aċċess miżmum fuq il-post il-Qorti setgħet tikkonstata illi fiż-żona tal-inċident m'hemm ebda indikazzjoni dwar il-limitu tal-veloċita. Dan ifisser li la darba ż-żona tal-inċident hija żona mibnija allura l-konvenut seta' jivvjaġġa b'massimu ta' 50 kilometru fis-siegħa.

Taħt l-Artikolu 281 il-*Highway Code* jipprovdi tabella li tagħti ndikazzjoni ta' l-anqas distanza li vettura tieħu sabiex tieqaf. Id-distanza meħtieġa tvarja skont il-veloċita' li l-vettura tkun għaddejja biha.

It-tabella tipprovdi hekk:

| ***281.*** *Shortest Stopping Distances - in metres* | | | |
|---|---|---|---|
| *Kmh* | *Thinking distance (metres)* | *Braking distance (metres)* | *Overall stopping distance (metres)* |
| *32* | *6* | *6* | *12* |
| *50* | *9* | *14* | *23* |
| *64* | *12* | *24* | *36* |
| *80* | *15* | *38* | *53* |
| *94* | *18* | *55* | *73* |
| *110* | *21* | *75* | *96* |

*282. On a dry road, a good car with good brakes and tyres and an alert driver will stop in the distances shown.*

Mir-relazzjoni tal-espert tekniku jirriżulta illi l-*brakes* tal-vettura misjuqa mill-konvenut kienu tajbin u dan kif evidenzjat mill-marki grassi li l-*brake marks* ħallew fl-art fil-post tal-inċident.

Il-*brake marks* illi ġew imkejla fil-post tal-inċident huma ta' 10.95 metri. Skont it-tabella t'hawn fuq, 10.95 metri ta' *brake marks* huma assimilati ma'

veloċita' ta' 32 kilometri fis-siegħa liema veloċita' tikkombaċja ma' dak illi xehed il-konvenut quddiem din il-Qorti u cioe li kien għaddej bit-tletin jew erbgħin fis-siegħa. Skont it-tabella t'hawn fuq jidher ukoll illi l-konvenut żgur illi ma kienx għaddej bil-veloċita' massima ta' 50 kilometru fis-siegħa għaliex li kieku dan kien hekk, il-*brake marks* li kien iħalli fil-post kienu jkunu ferm itwal minn dawk li rriżultaw. Dan ifisser għalhekk illi l-veloċita' li kien qiegħed isuq biha l-konvenut hija żgur waħda li tinkwadra fil-parametri ta' dak stabbilit mil-liġi u ċertament illi ma hemmx lok illi jingħad illi l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċita' eċċessiva jew sfrenata li biha seta' kkawża l-inċident.
It-triq in kwistjoni u cioe Triq Santa Marija fil-parti fejn seħħ l-inċident, hija mibnija għad-dritt b'tali mod u manjiera li fid-direzzjoni li kien sejjer fiha l-konvenut kellu viżwal tajjeb tat-triq quddiemu. Fil-każ ta' llum irriżulta pero' illi Triq Santa Marija tifforma parti minn *cross-roads* u fil-fatt il-parti fejn seħħ l-inċident hemm triq laterali li hija Triq Imġarr ix-Xini. Irriżulta wkoll illi Triq Imġarr ix-Xini hija *one-way* b'tali mod u manjiera li minn Triq Santa Marija wieħed jista' biss jidħol għal Triq Imġarr ix-Xini. Ġustament il-konvenut ma seta' qatt jantiċipa illi minn triq *one-way* kien sejjer jisbokka xi ħadd fid-direzzjoni li tmur kontra d-direzzjoni u r-regoli tat-traffiku.

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet li jolqtu s-sewqan tal-konvenut, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-imġieba ta' Anthony John Xuereb waqt illi dan kien jinsab isuq ir-rota tiegħu fi triq pubblika.

L-użu tar-roti ukoll huwa regolat taħt il-liġi Maltija.

L-Artikolu 2 tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta ifisser il-kelma "*vettura*" bħala li tinkludi:

*"kull xorta ta' karozza, karrozzin, karrettun miġbud minn bhima, karru, vettura bil-mutur, omnibus, bicycle, jew mezz ieħor ta' trasport ta' kull xorta jew għamla, mahsub għat-trasport je ġarr ta' nies, kadavri jew ħwejjeġ"*

Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.26 intitolata Regolamenti Dwar Vetturi b'Qawwa Baxxa u Ċikletta bil-Pedali tagħti d-definizzjoni ta' biċikletta bħala:

*"ċikletta bil-pedali" tfisser vettura b'żewġ roti jew bi tliet rti li tinsaq unikament bil-qawwa tal-bniedem permezz tal-pedali"*

Imbagħad, l-Artikolu 10 tal-L.S. 65.26 jipprovdi illi:

*Ħadd ma għandu jsuq ċikletta bil-pedali li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża pedelec li l-mutur tal-elettriku tagħha jipproduċi aktar minn 250 watts, fi triq jekk ma jkunx liebes elmu ta' biċikletta magħmul minn materjal li jirreżisti daqqiet, u li għandu jintlibes sew f'ras is-sewwieq.*

Dwar il-ħarsien tar-regolament tat-traffiku minn ċiklista, l-Artikou 12 tal-leġislazzjoni sussidjarja jipprovdi is-segwenti:

*Kull min isuq ċikletta bil-pedali jew li taħdem ukoll bl-għajnuna ta' mutur, kompriża pedelec, fit-triq għandu josserva u joqgħod għar-regolamenti kollha tat-traffiku.*

Anki l-*Highway Code* jipprovdi *Rules for Cyclists* li huma regoli fundamentali dwar l-użu tal-biċikletta. Għal dak illi huwa ta' nteress għal din il-vertenza, l-Artikolu 55 tal-Kodiċi jipprovdi illi ċ-ċiklisti għandhom dejjem jilbsu *"a cycle helmet which conforms to current regulations."* L-Artikolu 61 imbagħad jgħid illi:

*You **MUST** obey all traffic signs and traffic light signals.*

Jirriżulta ampjamanet ippruvat u in kontestat illi Anthony John Xuereb kien qiegħed isuq ir-rota:

- Meta ma kienx liebes *crash helmet*;
- Kellu ħobża f'id u flixkun *ice-tea* fl-id l-oħra;
- Kien qiegħed isuq fid-direzzjoni kontra s-sinjal tat-traffiku billi kien ħiereġ kontra d-direzzjoni tal-*one-way*
- Kien sejjer jaqsam Triq Santa Marija

Ma hemmx dubju illi l-aġir ta' Anthony John Xuereb fis-sewqan tar-rota tiegħu sar bi ksur flagranti tar-regoli stabbiliti fil-*Highway Code* u fl-Ordinanza Dwar Vetturi B'Qawwa Baxxa u Ċikletta bil-pedali. Żgur ukoll illi Xuereb ma setax kellu kontroll sħiħ tar-rota għaliex jekk f'id kien qiegħed iżomm ħobża u fl-id l-oħra kien qiegħed iżomm flixkun, dan ifisser illi ma setax jaħkem b'fermezza l-*handles* tar-rota u

konsegwentement lanqas seta' jaħkem sewwa l-*brakes* tar-rota biex jagħfashom tempestivament malli tinqala' l-ħtieġa.

Mill-banda l-oħra jidher illi l-konvenut kellu l-kontroll tal-vettura tiegħu kif evidenti mill-fatt illi minnufih mal-impatt ħasad il-*brakes* bis-saħħa, tant li saħansitra tħallew marki grassi fil-wiċċ tat-triq, u ġibed lejn in-nofs tat-triq bil-għan illi jipprova jtaffi l-effetti tal-impatt illi kien diġa seħħ.

In kwantu si tratta dwar ir-responsabilita' għas-sinitru il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit tekniku illi dak li pprovoka l-inċident kien propjru Anthony John Xuereb li f'ġest inkoxxenti u spensjerat ta' tfajjel ta' tlettax-il sena invada t-triq prinċipali minn fejn kien ġej l-attur mingħajr m'esplora sewwa t-triq. Id-dinamika tal-inċident tikkonferma li Anthony John Xuereb ħareġ alla r-rieda mill-inkroċju bejn Triq Imġarr ix-Xini u Triq Santa Marija u hemm, ftit passi lil hinn mill-kantuniera baqa' dieħel sparat fil-vettura li kienet qegħda tinstaq mill-konvenut. Il-*brakemarks* li jibdew proprju minn viċin il-bankina li hemm fl-inkroċju bejn Triq Santa Marija u Triq Imġarr ix-Xini huma xhieda ta' fejn seħħ l-impatt.

Anki d-daqqa fuq il-vettura tkompli tikkonferma dan. Li kieku kien minnu dak illi xehed Savio Buttigieg u cioe li l-vettura tal-konvenut ġibdet magħha r-rota ta' Anthony John Xuereb, li dejjem skont it-teżi ta' Savio Buttigieg kien diġa jinsab bir-rota tiegħu madwar għaxar ċentimetri 'l barra mill-bankina fi Triq Santa Marija meta l-konvenut kien għadu tiela' bil-vettura tiegħu, id-daqqa kienet tkun fuq in-naħa tal-quddiem tal-vettura u mhux fuq in-naħa tal-ġenb tagħha. Id-daqqa fuq il-ġenb ta' quddiem tal-vettura tikkonferma li l-attur Anthony John Xuereb ħareġ mill-inkroċju ħabta u sabta, mingħajr ma ħares biex jara kienx hemm xi periklu fit-triq prinċipali. Bħala *side road user*, terġa u tgħid bħala sewwieq ta' biċikletta li kienet miexja kontra l-*one-way*, kien jinkombi fuq Xuereb illi juża l-massima prudenza billi jieqaf kompletament sakemm jaċċerta ruħu li t-triq prinċipali kienet libera u seta' għalhekk jittraversa mingħajr periklu għalih innifsu u għas-sewwieqa l-oħra.

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi l-inċident mhuwiex attribwibbli għall-aġir jew ommissjoni da parti tal-konvenut.

La darba l-inċident ma seħħx bi ħtija tal-konvenut iżda unikament bi ħtija ta' Anthony John Xuereb, ma hemmx lok għall-Qorti illi tinoltra fil-kwistjoni tad-danni.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.

Tilqa' t-tieni eċċezzjoni u tiddikjara illi l-inċident kien ikkawżat esklussivament mill-attur Anthony John Xuereb.

Konsegwentement:-

Tiċħad l-ewwel talba.

Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li Anthony John Xuereb sofra debilita permanenti.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet attriċi.

**Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**Dorianne Cordina**
**D/Reġistratur**